ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 17

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

20 ta' Jannar 2011

Werrej

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA Nru 28/09/COL tad-29 ta' Jannar 2009 li temenda għat-tmienja u sittin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi ddaħħal tliet kapitoli ġodda dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti, dwar ir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarji preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għall-minimu neċessarju u s-salvagwardji kontra distorsjonijiet mhux xierqa fil-kompetizzjoni, u dwar qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat sabiex isostnu l-aċċess għal finanzjar fil-kriżi finanzjarja u ekonomika preżenti** . . . . . . . . . . 1

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 28/09/COL

## tad-29 ta' Jannar 2009

**li temenda għat-tmienja u sittin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi ddaħħal tliet kapitoli ġodda dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fir-rigward ta' istituzzjonjiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti, dwar ir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonjiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarji preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għall-minimu neċessarju u s-salvagwardji kontra distorsjonijiet mhux xierqa fil-kompetizzjoni, u dwar qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat sabiex isostnu l-aċċess għal finanzjar fil-kriżi finanzjarja u ekonomika preżenti**

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ewropea Ekonomika [2], u partikolarment l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim tal-Istati tal-EFTA dwar il-ħolqien ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], u partikolarment l-Artikolu 24 u Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

Billi taħt l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat,

Billi taħt l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti jipprovdu hekk espressament jew jekk l-Awtorità tqis li hu meħtieġ,

Filwaqt li tfakkar ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat adottati fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Awtorità [4],

Billi, fit- 13 ta' Ottubru 2008, il-Kummisssoni Ewropea [5] adottat Komunikazzjoni dwar "L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti" [6],

Billi, fil-5 ta' Diċembru 2008, il-Kummisjoni adottat Komunikazzjoni msejħa "Ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux misthoqqa" [7],

Billi, fis-17 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni msejħa "Qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali" [8],

Billi dawn il-Komunikazzjonijiet huma wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

Billi applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat taż-ŻEE għandha tkun żgurata fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

Billi, skont il-punt II taħt l-intestatura "ĠENERALI" fl-aħħar tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, atti li jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummisssjoni,

Wara li kkonsultat il-Kummissjoni,

Filwaqt li tfakkar li l-Awtorità kkonsultat l-Istati tal-EFTA permezz ta' ittri lill-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja fid-19 ta' Jannar 2009 dwar is-suġġett,

(1) Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità.
(2) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE.
(3) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
(4) Il-Linji Gwida għall-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ĠU L 231 tat-3 ta' Settembru 1994 p. 1) u s-Supplimenti ŻEE Nru 32 tat-3 ta' Settembru 1994 p. 1. Il-Linji ta' Gwida ġew emendati l-aħhar fis-17 ta' Diċembru 2008. Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat. Il-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tinsab fuq is-sit tal-Internet tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/state_aid_guidelines
(5) Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Kummissjoni.
(6) ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.
(7) ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2.
(8) ĠU C 16, 22.1.2009, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna għall-Istat għandhom jiġu emendati billi jiddaħħlu tliet kapitoli ġodda dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fir-rigward ta' istituzzjonjiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti, dwar ir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonjiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarji preżenti: il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu neċessarju u s-salvagwardji kontra d-distorsjonijiet mhux xierqa għall-kompetizzjoni, u dwar il-qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna tal-Istat sabiex isostnu l-aċċess għall-iffinanzjar fil-kriżi finanzjarja u ekonomika preżenti. It-tliet kapitoli jinsabu fl-Annessi I, II u III ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2009.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Per SANDERUD
*President*

Kurt JÄGER
*Membru tal-Kulleġġ*

*ANNESS I*

**L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti** ([1])

1. DAĦLA

(1) Il-kriżi finanzjarja globali sserjat b'mod qawwi u issa ħalliet effett kbir fuq is-settur bankarju taż-ŻEE. Apparti minn problemi speċifiċi marbuta b'mod partikolari mas-suq tas-self ipotekarju għall-proprjetà fl-Istati Uniti, u assi marbuta ma' dan is-self, jew marbuta ma' telf li ġej minn strateġiji riskjużi żżejjed li ġew segwiti minn banek individwali, fil-ġimgħat li għaddew kien hemm tnawwir ġenerali tal-fiduċja fi ħdan is-settur bankarju. In-nuqqas ta' ċertezza li jidher kullimkien dwar ir-riskju ta' kreditu ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali nixxef is-suq tas-self bejn il-banek u għaldaqstant ġab sitwazzjoni fejn l-aċċess għal-likwidità saret ftit ftit dejjem aktar diffiċli għall-istituzzjonijiet finanzjarji b'mod ġenerali.

(2) Is-sitwazzjoni preżenti hija ta' theddida għall-eżistenza ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali bi problemi li huma riżultat tal-mudell ta' negozju partikolari tagħhom, jew prattiċi ta' negozju li d-dgħufijiet tagħhom huma esposti u mkabbra mill-kriżi fis-swieq finanzjarji. Jekk istituzzjonijiet bħal dawn għandhom jinġiebu lura fuq it-triq tal-vijabbiltà fit-tul, u mhux stralċati, jeħtieġ li jsir ristrutturar estensiv tal-operazzjonijiet tagħhom. Fiċ-ċirkostanzi li jeżistu bħalissa, il-kriżi qed taffettwa l-istituzzjonijiet finanzjarji li huma fundamentalment sodi u li d-diffikultajiet tagħhom ħerġin biss mill-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq li rrestringa ħafna l-aċċess għal-likwidità. Il-vijabbiltà fit-tul ta' dawn l-istituzzjonijiet tista' tkun teħtieġ ristrutturar anqas sostanzjali. F'kull każ, madankollu, il-miżuri meħuda minn Stat tal-EFTA biex jappoġġja (ċerti) istituzzjonijiet li joperaw fi ħdan is-suq finanzjarju nazzjonali tiegħu jistgħu jiffavorixxu dawn l-istituzzjonijiet għad-dannu ta' oħrajn li joperaw fi ħdan dak l-Istat tal-EFTA jew Stati oħra taż-ŻEE.

(3) Il-Kunsill tal-ECOFIN fis-7 ta' Ottubru 2008 adotta Konklużjonijiet li fihom impenja ruħu li jieħu dawk il-miżuri meħtieġa kollha biex itejjeb is-solidità u l-istabbilità tas-sistema bankarja sabiex jerġgħu jinkisbu l-fiduċja u t-tħaddim kif suppost tas-settur finanzjarju. Ir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji sistematikament relevanti kien magħruf bħala mezz wieħed, fost oħrajn, ta' kif b'mod xieraq jitħarsu l-interessi tad-depożitanti, u l-istabbilità tas-sistema. Intlaħaq qbil ukoll li l-intervent pubbliku għandu jkun deċiż fuq livell nazzjonali iżda fi ħdan qafas koordinat u fuq il-bażi ta' għadd ta' prinċipji komuni tal-UE ([2]). Fl-istess okkażjoni l-Kummissjoni offriet li toħroġ linji ta' gwida fi żmien qasir dwar il-qafas wiesa' li fi ħdanu tkun tista' tiġi vvalutata malajr il-kumpatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat ta' skemi ta' rikapitalizzazzjoni u garanzija u tal-każijiet ta' applikazzjoni ta' skemi bħal dawn.

(4) Meta wieħed jikkunsidra l-kobor tal-kriżi, li issa qed tipperikola banek li huma fundamentalment b'saħħithom, il-grad għoli ta' integrazzjoni u interdipendenza tas-swieq finanzjarji Ewropej, u r-riperkussjonijiet drastiċi tal-falliment potenzjali ta' istituzzjoni finanzjarja sistematikament rilevanti li jkomplu jkabbru l-kriżi, l-Awtorità tagħraf li l-Istati tal-EFTA jistgħu jqisu li jkun meħtieġ li jadottaw miżuri xierqa biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Minħabba n-natura partikolari tal-problemi attwali fis-settur finanzjarju miżuri bħal dawn jista' jkun li jkollhom jinfirxu lil hinn mill-istabbilizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u jinkludu skemi ġenerali.

(5) Filwaqt li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni xierqa ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-mument meta jiġu applikati r-regoli dwar l-għajnuna mill-istat għal miżuri li jindirizzaw il-krizi fis-swieq finanzjarji, l-Awtorità trid tiżgura li miżuri bħal dawn ma jiġġenerawx xkiel bla bżonn tal-kompetizzjoni bejn istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fis-suq jew inkella effetti negattivi li jinfirxu għal fuq Stati Membri taż-ŻEE oħrajn. Huwa l-iskop ta' dan il-Kapitolu li jipprovdi gwida dwar il-kriterji rilevanti għall-kompatibbiltà mal-Ftehim taż-ŻEE ta' skemi ġenerali kif ukoll każijiet individwali ta' applikazzjoni ta' skemi bħal dawn u każijiet ad hoc ta' relevanza sistematika. Meta jiġu applikati dwan il-kriterji għal miżuri meħuda mill-Istati tal-EFTA, l-Awtorità se tipproċedi bil-ħeffa meħtieġa biex tara li jkun hemm iċ-ċertezza legali u biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fis-swieq finanzjarji.

([1]) Dan il-Kapitolu jikkorispondi għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti, ĠU 270, C 270, 25.10.2008, p. 8.
([2]) Il-konklużjonijiet tal-ECOFIN jelenkaw dawn il-prinċipji:
— l-interventi għandhom ikunu tempestivi u l-għajnuna trid fil-prinċipju tkun waħda temporanja;
— l-Istati Membri għandhom ikunu attenti fejn jidħlu l-interessi tal-kontribwenti tat-taxxa;
— l-azzjonisti għandhom iġorru l-konsegwenzi xierqa tal-intervent;
— L-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwasslu għal tibdil fil-ġestjoni,
— il-ġestjonarji m'għandhomx iżommu benefiċċji indebiti - il-gvernijiet jista' jkollhom fost affarijiet oħra l-poter li jintervjenu fejn tidħol ir-remunerazzjoni;
— l-interess leġittimu tal-kompetituri irid jitħares, b'mod partikolari permezz ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat;
— għandhom jiġu evitati effetti negattivi fuq setturi oħra.

2. PRINĊIPJI ĠENERALI

(6) L-għajnuna mill-Istat lil impriżi individwali li jkunu f'diffikultà hija normalment ivvalutata taħt l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Kapitolu dwar l-għajnujna għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ażjendi f'diffikultà tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat [1] (minn issa 'l quddiem "il-linji ta' gwida S&R") li jartikulaw il-mod kif l-Awtorità tinterpreta l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE għal din it-tip ta' għajnuna. Il-linji ta' gwida S&R huma ta' applikazzjoni ġenerali, filwaqt li jipprovdu għal ċerti kriterji speċifiċi għas-settur finanzjarju.

(7) Barra minn dan, skont l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità tista' tippermetti l-għajnuna mill-Istat "biex tirrimedja tħarbit serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tal-KE jew ta' Stat tal-EFTA".

(8) L-Awtorità terġa' tisħaq li, b'konformità mal-każistika u mal-prassi tal-Kummissjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet [2] l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim tal-EFTA jeħtieġ interpretazzjoni restrittiva ta' dak li jista' jiġi kkunsidrat bħala tħarbit serju tal-ekonomija ta' Stat tal-EFTA.

(9) Fid-dawl tal-livell ta' serjetà li laħqet il-kriżi preżenti fis-swieq finanzjarji u tal-impatt li jista' jkollha fuq l-ekonomija ġenerali tal-Istati taż-ŻEE, l-Awtorità tqis li l-Artikolu 61(3)(b) huwa, fiċ-ċirkostanzi preżenti, disponibbli bħala bażi ġuridika għal miżuri ta' għajnuna meħuda biex tkun indirizzata din il-kriżi sistematika. Dan japplika, b'mod partikolari, għal għajnuna li tingħata permezz ta' skema ġenerali li tkun disponibbli għal għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji, jew għal kollha, fi Stat tal-EFTA. F'każ li l-awtoritajiet ta' Stat tal-EFTA responsabbli mill-istabbilità finanzjarja jiddikjaraw lill-Awtorità li hemm riskju ta' xi tħarbit serju bħal dan, dan għandu jkun ta' relevanza partikolari għall-evalwazzjoni tal-Awtorità.

(10) Interventi ad hoc mill-Istati tal-EFTA mhumiex esklużi f'ċirkostanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE. Fil-każ sew tal-iskemi kif ukoll ta' interventi ad hoc, filwaqt li l-evalwazzjoni tal-għajnuna għandha ssegwi l-prinċipji ġenerali kif stipulati fil-Linji ta' Gwida S&R, adottati skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE, iċ-ċirkostanzi ta' bħalissa jistgħu jippermettu l-approvazzjoni ta' miżuri eċċezzjonali bħal interventi strutturali ta' emerġenza, il-protezzjoni ta' drittijiet ta' partijiet terzi bħal ma huma l-kredituri, u miżuri ta' salvataġġ li possibbilment jdumu għal aktar minn 6 xhur.

(11) Wieħed irid madankollu jenfasizza li l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq jimplikaw li l-użu tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE ma jistax jiġi invokat bħala ħaġa ta' prinċipju f'sitwazzjonijiet ta' kriżi f'setturi individwali oħra fin-nuqqas ta' riskju kumparabbli li jkollhom impatt immedjat fuq l-ekonomija ta' Stat tal-EFTA kollu kemm hu. Fejn jidħol is-settur finanzjarju, ikun possibbli li din id-dispożizzjoni tkun invokata biss f'ċirkostanzi ġenwinament eċċezzjonali fejn it-tħaddim kollu tas-swieq finanzjarji ikun fil-periklu.

(12) Fejn ikun hemm tħarbit serju tal-ekonomija ta' Stat tal-EFTA fuq il-linji kif imfissra hawn fuq, ikun possibbli li jiġi invokat l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE mhux fuq bażi miftuħa iżda biss sakemm is-sitwazzjoni ta' kriżi tkun tiġġustifika l-applikazzjoni tiegħu.

(13) Dan jimplika li hemm bżonn li l-iskemi ġenerali kollha mwaqqfa fuq din il-bażi, pereżempju fil-forma ta' skema ta' garanzija jew ta' rikapitalizzazzjoni, ikunu eżaminati fuq bażi regolari u li jiġu tterminati hekk kif tkun tippermetti s-sitwazzjoni ekonomika tal-Istat tal-EFTA partikolari. Filwaqt li huwa minnu li bħalissa huwa impossibbli li wieħed ibassar kemm se jdumu l-problemi straordinarji ta' bħalissa fis-swieq finanzjarji u li jista' jkun indispensabbli sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja li jingħata sinjal li miżura tiġi estiża sakemm tibqa' l-kriżi, l-Awtorità tqis li huwa element neċessarju għall-kumpatibbiltà ta' kull skema ġenerali li l-Istat tal-EFTA jirrevedi mill-inqas kull sitt xhur u jirrappurta lill-Awtorità dwar ir-riżultat ta' tali reviżjoni.

(14) Barra minn dan, l-Awtorità tqis li t-trattament ta' istituzzjonijiet finanzjarji li ma jkollhomx likwidità, iżda li, fin-nuqqas taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' bħalissa altrimenti jkunu fundamentalment sodi, għandu jiġi distint mit-trattament mogħti lil istituzzjonijiet finanzjarji kkaratterizzati minn problemi interni. Fl-ewwel każ, il-problemi ta' vijabbiltà ikunu ġejjin minn barra u għandhom x'jaqsmu mas-sitwazzjoni preżenti estrema fis-suq finanzjarju, aktar milli ma' xi ineffiċjenza jew xi teħid ta' riskju eċċessiv. Bħala riżultat, id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni li jiġu minn skemi li jsostnu l-vijabbiltà ta' istituzzjonijiet bħal dawn normalment ikunu aktar limitati u jkunu jeħtieġu ristrutturar anqas sostanzjali. B'kuntrast, istituzzjonijiet finanzjarji oħra, li x'aktarx ikunu affettwati b'mod partikolari minn telf li ġej pereżempju minn ineffiċjenzi, ġestjoni ħażina ta' assi u ta' obbligazzjonijiet jew minn strateġiji riskjużi, ikunu jidħlu fil-qafas normali ta' għajnuna mill-istat, u b'mod partikolari għandhom bżonn ta' ristrutturar wiesa', kif ukoll ta' miżuri kumpensatorji biex jitrażżan it-tħarbit tal-kompetizzjoni [3]. F'kull każ, iżda, fin-nuqqas ta' salvagwardji xierqa, jista' jkun hemm distorsjonijiet sostanzjali fil-kompetizzjoni minħabba l-implimentazzjoni ta' skemi ta' garanzija u rikapitalizzazzjoni, peress li jistgħu jiffavorixxu indebitament il-benefiċjarji għad-dannu tal-kompetituri tagħhom, jew jistgħu jaggravaw il-problemi ta' likwidità għal istituzzjonijiet finanzjarji bbażati fi Stati taż-ŻEE oħrajn.

(1) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' azjendi f'diffikultà ġew adottati mill-Awtorità permezz tad-Deċiżjoni Nru 305/04/COL tal-1 ta' Diċembru 2004.

(2) Ara fil-prinċipju l-kawża Kawżi Konġunti T-132/96 u T-143/96 Freistaat Sachsen u Volkswagen AG vs Kummissjoni [1999] Ġabra p.II-3663, punt 167 Ikkonfermata fid-Deċizjoni tal-Kummissjoni 98/490/KE fil-Każ C 47/96 Crédit Lyonnais (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 28), punt 10.1, Deċizjoni tal-Kummissjoni 2005/345/KE fil-Każ C 28/02 Bankgesellschaft Berlin (ĠU L 116, 4.5.2005, p. 1), punti 153 *et seq.* u Deċizjoni tal-Kummissjoni 2008/263/KE fil-Każ C 50/06 BAWAG (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 7), punt 166. Ara d-Deċizjoni tal-Kummissjoni fil-Każ NN 70/07 Northern Rock (ĠU C 43, 16.2.2008, p. 1), Deċizjoni tal-Kummissjoni fil-Każ NN 25/08 Għajnuna ta' salvataġġ lil WestLB (ĠU C 189, 26.7.2008, p. 3), Deċizjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2008 fil-Każ C 9/08 SachsenLB, li għadha ma ġietx ippubblikata.

(3) Wieħed jifhem li n-natura eżatta u l-perjodu tar-ristrutturar li jrid isir jista' jiġi affettwat mit-taħwid preżenti fis-swieq finanzjarji.

(15) Barra minn dan, f'konformità mal-prinċipji ġenerali li hemm fil-bażi tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE, li jeħtieġu li l-għajnuna mogħtija ma tkunx teċċedi dak li jkun strettament meħtieġ biex jinkiseb l-iskop leġittimu tagħha u li d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni jkunu evitati jew imċekkna kemm jista' jkun, u biex jittieħed kont kif xieraq taċ-ċirkostanzi preżenti, il-mizuri ta' għajnuna ġenerali għandhom ikunu:

— immirati tajjeb sabiex ikunu jistgħu jiksbu b'mod effettiv l-għan li jingħata rimedju għal tħarbit serju fl-ekonomija;

— proporzjonati għall-isfida li qed tiġi affaċċjata, u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan ir-riżultat;

— imfassla b'tali mod li jiġu mċekkna kemm jista' jkun l-effetti negattivi li jistgħu jinfirxu għal fuq kompetituri, setturi oħra u Stati taż-ŻEE oħra.

(16) L-osservanza ta' dawn il-kriterji f'konformità mar-regolamenti dwar l-għajnuna mill-istat u l-libertajiet fundamentali li jinsabu fil-Ftehim taż-ŻEE, inkluż il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni, hija meħtieġa għall-preservazzjoni tat-tħaddim kif suppost tas-suq intern. Fl-evalwazzjoni tagħha, l-Awtorità se tieħu f'kunsiderazzjoni l-kriterji li ġejjin meta tiddeċiedi dwar il-kumpatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat elenkati hawn taħt.

3. GARANZIJI LI JKOPRU L-OBBLIGAZZJONIJIET TA' ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI

(17) Il-prinċipji imfissra hawn fuq huma kkonkretizzati fil-kunsiderazzjonijiet li ġejjin fejn jidħlu skemi ta' garanziji li jipproteġu obbligazzjonijiet permezz ta' dikjarazzjoni, leġiżlazzjoni jew sistema kuntrattwali, meta wieħed jikkunsidra li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma ta' natura ġenerali u għandhom jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ individwali.

3.1. *L-eliġibbiltà għal skema ta' garanzija*

(18) Jekk xi kompetituri fis-suq jiġu esklużi mill-benefiċċji tal-garanzija tista' sseħħ distorsjoni sinifkanti tal-kompetizzjoni. Il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-istituzzjonijiet finanzjarji biex ikunu koperti minn garanzija bħal din iridu jkunu oġġettivi, u jkunu jieħdu f'kunsiderazzjoni r-rwol tagħhom fis-sistema bankarja relevanti u fl-ekonomija b'mod ġenerali, u ma jkunux diskriminatorji sabiex ma jkunx hemm effetti mhux xierqa ta' distorsjoni fuq swieq ġirien u fuq is-suq intern kollu kemm hu. Meta jiġi applikat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità, l-istituzzjonijiet kollha li jkunu stabbiliti fl-Istat tal-EFTA kkonċernat, inklużi l-impriżi sussidjarji, u li jkollhom attivitajiet sinifikanti f'dak l-Istat EFTA, għandhom ikunu koperti mill-iskema.

3.2. *L-ambitu materjali ta' garanzija – tipi ta' passivi koperti*

(19) Fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti, jista' jkun meħtieġ li d-depożitanti mal-istituzzjonijiet finanzjarji jiġu rassigurati li huma mhux se jsofru telf, b'mod li tiġi l-limitata l-possibbiltà li jkun hemm ġbid ta' flus massiv mill-banek u effetti negattivi li jinfirxu għal banek b'saħħithom. Fil-prinċipju, għalhekk, fil-kuntest ta' kriżi sistematika, garanziji ġenerali li jipproteġu depożiti individwali (u d-dejn li jkollhom klijenti individwali) jistgħu jkunu element leġittimu tar-reazzjoni ta' politika pubblika.

(20) Fejn jidħlu garanziji li jmorru lil hinn minn depożiti inidividwali, l-għażla tat-tipi ta' djun u obbligazzjonijiet koperti trid tkun immirata, sa fejn ikun prattiku li jsir hekk, lejn is-sors speċifiku tad-diffikultajiet u ristretta għal dak li jista' jitqies meħtieġ biex jiġu kkonfrontati l-aspetti relevanti tal-kriżi finanzjarja kurrenti, peress li altrimenti jistgħu jtellfu l-proċess ta' aġġustament meħtieġ u jiġġeneraw periklu morali ta' ħsara ([1]).

(21) Fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, in-nixfa tas-self ta' bejn il-banek minħabba tnawwir fil-fiduċja bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji jista' wkoll jiġġustifika li jiġu ggarantiti ċerti tipi ta' depożiti kbar minn impriżi kbar u anki strumenti ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju, sakemm dawk l-obbligazzjonijiet ma jkunux diġà koperti b'mod xieraq minn xi arranġamenti ta' investiment li jkunu jeżistu, jew permezz ta' mezzi oħra ([2]).

(22) L-estensjoni tal-kopertura tal-garanzija għal tipi oħra ta' djun lil hinn minn dan l-ambitu relattivament wiesa' jkun jinħtieġ skrutinju aktar mill-qrib dwar jekk huwiex ġustifikat.

(23) Garanziji bħal dawn m'għandhomx, fil-prinċipju, jkunu jinkludu dejn subordinat (kapital tat-tieni saff) jew xi kopertua indiskriminata tal-obbligazzjonijiet kollha, peress li dan ikollu biss it-tendenza li jissalvagwardja l-interessi tal-azzjonisti u ta' investituri oħra tal-kapital ta' riskju. Jekk dejn bħal dan ikun kopert, b'mod li titħalla l-espansjoni tal-kapital u għalhekk tal-attività ta' self, jistgħu jinħtieġu restrizzjonijiet speċifiċi.

([1]) Il-limitazzjoni tal-ammont tal-garanzija disponibbli, possibbilment f'rabta mad-daqs fil-karta tal-bilanċ tal-benefiċjarju tista' wkoll tkun element li jissalvagwardja l-proporzjonalità tal-iskema f'dan ir-rigward.

([2]) Bħal, pereżempju, bonds koperti u dejn u depożiti b'garanzija f'bonds tal-gvern jew bonds koperti.

3.3. *L-ambitu temporali tal-iskema ta' garanzija*

(24) Id-dewmien u l-ambitu ta' kull skema ta' garanzija li tmur lil hinn minn skemi ta' garanzija għal depożiti individwali għandhom ikunu limitati għall-minimu meħtieġ. F'konformità mal-prinċipji ġenerali imfissra hawn fuq, meta wieħed jieħu f'kunsiderazzjoni li bħalissa wieħed ma jistax ibassar kemm se jdumu n-nuqqasijiet fundamentali fit-tħaddim tas-swieq finanzjarji, l-Awtorità tqis li huwa element neċessarju għall-kumpatibbiltà ta' kull skema ġenerali li l-Istati tal-EFTA jwettqu reviżjoni kull sitt xhur, li tkun tkopri l-ġustifikazzjoni tal-applikazzjoni kontinwata tal-iskema u l-potenzjal għal aġġustamenti biex jitqiesu l-iżviluppi fis-sitwazzjoni tas-swieq finanzjarji. Ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Awtorità. Sakemm ikun hemm din ir-reviżjoni b'mod regolari, l-approvazzjoni tal-iskema tista' tkun tkopri perjodu itwal minn sitt xhur u, fil-prinċipju, sa sentejn. Tista' tiġi estiża iktar, bl-approvazzjoni tal-Awtorità, sakemm dan ikun meħtieġ mill-kriżi fis-swieq finanzjarji. F'każ li l-iskema tkun tippermetti li l-garanziji jkomplu jkopru d-dejn relevanti sa data tal-maturità li tkun aktar tard mill-iskadenza tal-perjodu ta' ħarġa skont l-iskema, ikunu meħtieġa salvagwarji addizzjonali sabiex ma jkunx hemm distorsjoni eċċessiva fil-kompetizzjoni. Salvagwardji bħal dawn jistgħu jinkludu perjodu ta' ħarġa iqsar minn dak permess fil-prinċipju taħt dan il-Kapitolu, kundizzjonijiet ta' ipprezzar li jservu ta' deterrent, kif ukoll limiti kwantitattivi xierqa fuq id-dejn kopert.

3.4. *Limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu - il-kontribut tas-settur privat*

(25) Skont il-prinċipju ġenerali tal-għajnuna mill-Istat li l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għall-minimu assolut, l-Istati Membri jridu jieħdu l-passi xierqa biex jiżguraw li jkun hemm kontribuzzjoni sinifikanti mill-benefiċjarji u/jew mis-settur lejn l-ispejjeż tal-garanzija u, fejn tinqala' l-ħtieġa, l-ispejjeż tal-intervent tal-Istat jekk il-garanzija tkun trid tintuża.

(26) Il-kalkolu eżatt u l-għamla ta' kontribut bħal dan jiddependu fuq iċ-ċirkostanzi partikolari. L-Awtorità tqis illi taħlitaxierqa ta' xi whud jew tal-elementi [1] kollha li ġejjin jissodisfaw ir-rekwiżit li l-għajnuna tinżamm għall-minimu:

— l-iskema ta' garanzija trid tkun ibbażata fuq remunerazzjoni xierqa mill-istituzzjonijiet finanzjarji benefiċjarji individwalment u/jew is-settur finazjarju kollu kemm hu [2]. Meta wieħed iqis kemm hu diffiċli li tiġi stabbilita rata tas-suq għal garanziji ta' dan it-tip u daqs, fin-nuqqas ta' livell ta' referenza kumparabbli, u meta wieħed iqis id-diffikultajiet li jistgħu jkollhom il-benefiċjarji biex isostnu l-ammonti li jistgħu jintalbu b'mod xieraq, it-tariffi mitluba għall-għoti tal-iskema għandhom ikunu kemm jista' jkun qrib dak li jista' jitqies bħala prezz tas-suq. Mekkaniżmi xierqa ta' kif jiġu stabbiliti l-prezzijiet, li jkunu jirriflettu l-grad li jvarja tar-riskji u tal-profili ta' kreditu differenti u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, ikunu kontribuzzjonijiet importanti għall-proporzjonalità tal-miżura;

— jekk il-garanzija tkun trid tiġi attivata, kontribuzzjoni oħra sinifikanti tas-settur privat tista' tkun il-kopertura ta' minn tal-anqas parti konsiderevoli mill-obbligazzjonijiet pendenti li jkollha l-impriża li tibbenefika (jekk tkun għadha teżisti) jew li jkollu s-settur, bl-intervent tal-Istat tal-EFTA li jkun limitat għal ammonti li jaqbżu din il-kontribuzzjoni;

— l-Awtorità tirrikonoxxi li l-benefiċjarji jistgħu ma jkunux immedjatament f'pożizzjoni li jħallsu remunerazzjoni xierqa sħiħa. Għalhekk, sabiex l-elementi ta' qabel jiġu kkumplimentati jew parzjalment sostitwiti, l-Istati tal-EFTA jistgħu jikkunsidraw klawżola ta' "treġġiegħ lura/żminijiet aħjar" li tobbliga lill-benefiċjarji jħallsu jew remunerazzjoni addizjonali għall-għoti tal-garanzija bħala tali (f'każ li din ma jkunx hemm bżonn tiġi attivata) jew biex dawn iħallsu lura tal-anqas parti minn xi ammont imħallas minn Stat tal-EFTA taħt il-garanzija (f'każ li jkollha tintuża) hekk kif ikunu fil-pożizzjoni li jkunu jistgħu jagħmlu dan.

3.5. *Evitar ta' distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni*

(27) Minħabba r-riskji inerenti li kull skema ta' garanzija jista' jkollha effetti negattivi fuq banek non-benefiċjarji, inklużi dawk fi Stati oħra taż-ŻEE, is-sistema għandha tinkludi mekkaniżmi xierqa sabiex jiġu minimizzati dawn id-distorsjonjiet u l-abbuż potenzjali tas-sitwazzjonjiet preferenzjali tal-benefiċarji bħala konsegwenza ta' garanzija tal-Istat. Dawn is-salvagwardji, li huma importanti wkoll sabiex jiġi evitat l-hekk imsejjaħ riskju morali għandhom jinkludu taħlita xierqa ta' xi whud jew ta' kull wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin [3]:

— Limitazzjonijiet fuq il-komportament li jiżguraw illi l-istituzzjonijiet finanzjarji benefiċarji ma jwettqux espansjoni aggressiva fil-kuntest tal-garanzija għad-detriment ta' kompetituri li ma jkunux koperti b'din il-protezzjoni. Dan jista' jsir, pereżempju, permezz ta':

i. restrizzjonijiet fuq imġiba kummerċjali, bħal irreklamar li jinvoka l-istat garantit ta' bank benefiċarju, fuq l-ipprezzar jew fuq l-espansjoni tan-negozju, eż. permezz tal-introduzzjoni ta' limitazzjoni fuq is-sehem fis-suq [4]

[1] Din hija lista mhux eżawrjenti tal-għodod li jikkontribwixxu għall-għan biex l-għajnuna tinżamm għall-minimu.
[2] Eż. permezz ta' assoċjazzjoni ta' banek privati.
[3] Din hija lista mhux eżawrjenti tal-għodod li jikkontribwixxu għall-għan li jiġu evitati distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni.
[4] Iż-żamma tal-qliegħ bl-iskop illi tiġi żgurata rikapitalizzazzjoni adegwata jista' jkun ukoll element li għandu jiġi kkunsidrat f'dan il-kuntest.

ii. limitazzjonijiet fuq id-daqs tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet benefiċjarji fir-rigward ta' livell ta' referenza xieraq (eż. prodott gross domestiku jew tkabbir fis-suq tal-flus) [1]

iii. il-projbizzjoni ta' mġiba li tkun inkonċiljabbli mal-għan tal-garanzija bħal, pereżempju, xiri mill-ġdid ta' ishma minn istituzzjonijiet finanzjarji benefiċjarji jew il-ħruġ ta' opzjonijiet ġodda tal-istokk għall-maniġment.

— Dispożizzjonijiet xierqa li jippermettu lill-Istat tal-EFTA kkonċernat jinfurza dawn ir-restrizzjonijiet tal-imġiba inkluża s-sanzjoni li titneħħa l-protezzjoni tal-garanzija mill-istituzzjoni finanzjarja benefiċjarja, f'każ ta' nuqqas ta' nonkonformità.

3.6. *Segwitu permezz ta' miżuri ta' aġġustament*

(28) Il-Kummissjoni tikkonsidra li, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni sa fejn hu possibbli, hemm bżonn ta' garanzija ġenerali li tkun meqjusa bħala miżura ta' emerġenza provviżorja, sabiex tindirizza s-sintomi akuti tal-kriżi attwali fis-swieq finanzjarji. Dawn il-miżuri ma jistgħux, per definizzjoni, jirrappreżentaw tweġiba sħiħa għall-kawżi fundamentali ta' din il-kriżi li huma marbuta ma' nuqqasijiet strutturali fil-funzjonament tal-organizzazzjoni tas-swieq finanzjarji jew ma' problemi speċifiċi ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali jew ma' taħlita tat-tnejn.

(29) Għaldaqstant, skema ta' garanzija għandha tkun akkumpanjata, meta jkun il-waqt, b'miżuri ta' aġġustament neċċessarji għas-settur fit-totalità tiegħu u/jew bir-ristruturazzjoni jew stralċ tal-benefiċjarji individwali, b'mod partikolari għal dawk li għalihom trid tintuża l-garanzija.

3.7. *Applikazzjoni tal-iskema għal każijiet individwali*

(30) Fejn l-iskema tal-garanzija trid tiġi konvolta għall-benefiċċju tal-istituzzjonijiet finanzjarji individwali huwa indispensabbli illi din il-miżura ta' salvagwardja ta' emerġenza mmirata sabiex iżżomm l-istituzzjoni falluta fil-wiċċ, u li tagħti lok għal aktar distorsjoni tal-kompetizzjoni addizzjonali lil hinn minn dik li tirriżulta mid-dħul tal-iskema, tkun segwita malajr kemm jista' jkun skont kif tippermetti s-sitwazzjoni tas-swieq finanzjarji, b'passi xierqa li jwasslu għal ristrutturazzjoni jew stralċ tal-benefiċjarju. Dan jistimula r-rekwiżit tan-notifika tal-pjan tar-ristrutturazzjoni jew stralċ għal dawk li jirċievu l-pagamenti taħt il-garanzija li tkun valutata separatament mill-Kummissjoni fir-rigward ta' kemm hi konformi mar-regoli tal-għajnuna tal-Istat [2].

(31) Fil-valutazzjoni ta' pjan ta' ristrutturazzjoni, l-Awtorità għandha tkun iggwidata mir-rekwiżiti:

— li tiżgura r-ristabbiliment tal-vijabilità fuq medda twil ta' żmien tal-istituzzjoni finanzjarja inkwistjoni,

— li tiżgura li l-għajnuna tinżamm għall-minimu u li jkun hemm parteċipazzjoni privata sostanzjali fl-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni,

— li tiżgura li ma jkunx hemm distorsjoni indebita tal-kompetizzjoni u li l-ebda benefiċċji indebiti ma jirriżultaw mill-attivazzjoni tal-garanzija.

(32) F'din il-valutazzjoni, l-Awtorità tista' tibni fuq l-esperjenza miksuba fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal istituzzjonijiet finanzjarji fl-imgħoddi, wara li tikkonsidra l-aspetti partikolari ta' kriżi li laħqet kobor li jikkwalifikaha bħala tfixkil serju tal-ekonomija tal-Istati taż-ŻEE.

(33) L-Awtorità se tqis ukoll id-distinzzjoni bejn miżuri ta' għajnuna meħtieġa esklussivament minħabba l-ostakolu serju attwali għall-aċċess għal-likwidità fir-rigward ta' istituzzjoni finanzjarja li altrimenti hi fundamentalment b'saħħitha, u għajnuna mogħtija lil benefiċjarji li, barraminnhekk, qed ibagħtu wkoll minn problemi ta' solvibilità strutturali marbutin mal-mudell partikolari tagħhom tan-negozju jew mal-istrateġija ta' investiment tagħhom. Fil-prinċipju, hemm it-tendenza li għajnuna lill-kategorija ta' benefiċjarji msemmija l-aħħar toħloq tħassib ikbar.

[1] Filwaqt illi tiġi salvagwardjata d-disponibiltà tal-kreditu għall-ekonomija partikolarment f'każ ta' riċessjoni.

[2] Bħala prinċipju, l-Kummissjoni tikkonsidra li f'każ ta' pagamenti li jridu jiġu magħmula lill-istituzzjoni finanzjarja benefiċjarja, l-pagament għandu jiġi segwit wara sitt xhur minn pjan ta' ristrutturazzjoni jew pjan ta' stralċ, skont il-każ. Sabiex jiġi faċilitat ix-xogħol tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-Kummissjoni se tkun lesta li teżamina notifiki raggruppati ta' każijiet simili ta' ristruturazzjoni/stralċ. Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li ma hemmx ħtieġa li jiġi preżentat pjan fejn dan ikun purament dwar stralċ tal-istituzzjoni, jew meta d-daqs ikun negliġibbli.

4. IR-RIKAPITALIZZAZZJONI TAL-ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI

(34) It-tieni miżura sistematika bi tweġiba għall-kriżi finanzjarja kontinwa tista' tkun li tiġi stabbilita skema ta' rikapitalizzazzjoni li tista' tkun użata sabiex isostni istituzzjonijiet finanzjarji li huma fundamentalment b'saħħithom iżda li qed jesperjenzaw problemi minħabba l-kundizzjonijiet estremi tas-swieq finanzjarji. L-għan ikun illi jiġu provduti fondi pubbliċi sabiex tissaħħaħ il-bażi kapitali tal-istituzzjonijiet finanzjarji direttament jew sabiex tiffaċilita l-injezzjoni ta' kapital privat b'mezzi oħra, sabiex jiġu evitati effeti negattivi indiretti sistematiċi.

(35) Fil-prinċipju, l-imsemmijin kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-garanzija ġenerali japplikaw ukoll mutatis mutandi, għall-iskemi ta' rikapitalizzazzjoni. Dan jgħodd għal:

— kriterji ta' eliġibiltà oġġettivi u nondiskriminatorji,

— l-ambitu taż-żmien tal-iskema,

— limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu strettament neċessarju,

— il-ħtieġa ta' salvagwardji kontra abbużi potenzjali u distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni, filwaqt li jiġi kkunsidrat li n-natura irriversibbli tal-injezzjonijiet kapitali tqanqal il-ħtieġa għal provvedimenti fl-iskema li jippermettu lill-Istat tal-EFTA li jissorvelja u jinfurza r-rispett ta' dawn is-salvagwardji u jieħu passi li bihom jiġu evitati distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni, fejn hu xieraq, fi stadju aktar tard [1] kif ukoll

— ir-rekwiżit għal rikapitalizzazzjoni bħala miżura ta' emerġenza sabiex l-istituzzjonji finanzjarja tiġi sostnuta matul il-kriżi, segwit minn pjan ta' ristrutturazzjoni għall-benefiċarju li għandu jkun eżaminat separatament mill-Awtorità, fid-dawl kemm tad-distinzjoni bejn istituzzjonijiet finanzjarji li huma fundamentalment b'saħħithom unikament affetwati mir-restrizzjonijiet preżenti fuq l-aċċess għal-likwidità u benefiċarji li barraminnhekk għandhom problemi ta' solvibbilità strutturali marbutin pereżempju mal-mudell azjendali tagħhom jew mal-istrateġija ta' investiment tagħhom u kif ukoll l-impatt li għandha din id-distinzjoni fuq kemm hi meħtieġa ristrutturazzjoni.

(36) In-natura partikolari ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni tagħti lok għall-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

(37) L-eliġibilità għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, bħall-ħtieġa li jiġi żgurat livell ta' kapitalizzazzjoni suffiċjenti fir-rigward tar-rekwiżiti tas-solvibilità li ma jwasslux għal trattament li huwa indebitament diskriminatorju. L-evalwazzjoni tal-ħtieġa ta' sostenn mill-awtoritajiet ta' sorveljanza finanzjarja tkun element pożittiv.

(38) L-injezzjoni kapitali għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju u m'għandhiex tħalli lill-benefiċarju jembarka fuq strateġiji kummerċjali aggressivi jew f'espansjoni tal-attivitajiet tiegħu jew għall-għanijiet oħra li jista' joħolqu distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni. F'dak il-kuntest iż-żamma ta' rekwiżiti ta' livelli minimi ta' solvibilità msaħħin, u/jew il-limitazzjoni tal-kobor totali tal-karta tal-bilanċċ tal-istituzzjoni finanzjarja għandha tkun evalwata pożittivament. Il-benefiċarji għandhom jikkontribwixxu kemm jista' jkun fid-dawl tal-kriżi preżenti permezz tal-mezzi tagħhom li jinkludu parteċipazjoni privata [2].

(39) Interventi kapitali f'istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu magħmula f'termini li jimminimizzaw l-ammont ta' għajnuna. Skont il-mezzi li jiġu magħżula (eż. l-ishma, titoli, kapital subordinat, …) l-Istat tal-EFTA konċernat għandu, fil-prinċipju, jirċievi drittijiet, li l-valur tagħhom jikkorrispondi għall-kontribut tagħhom għar-rikapitalizzazzjoni. Il-prezz tal-ħruġ tal-ishma ġodda għandu jkun fiss fuq il-bażi ta' valutazzjoni orjentata lejn is-suq. Sabiex jiġi żgurat illi sostenn pubbliku jingħata biss bi tpattija għall-kontroparti xierqa, mezzi bħall-ishma preferenzjali bi ħlas adegwat, għandhom jiġu kkunsidrata pożittivament. Alternattivament l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' rkupru jew klawżoli kompensattivi għandhom jiġu kkunsidrati.

(40) Kunsiderazzjonijiet simili għandhom japplikaw għall-miżuri u skemi mmirati lejn l-indirizzar tal-problema min-naħa tal-assi tal-istituzzjoni finanzjarja, li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-rekwiżiti kapitali tal-istituzzjoni. B'mod partikolari, meta Stat tal-EFTA jixtri jew ipartat l-assi għandu jagħmel hekk b'valutazzjoni li tirrifletti r-riskji eżistenti, mingħajr ebda diskriminazzjoni indebita fil-konfront tal-vendituri.

[1] Skont il-prinċipji fil-linji ta' gwida S&R.
[2] L-għoti ta' ċerta kontribuzzjoni bil-quddiem jista' jkun jeħtieġ li jiġi supplimentat bi provvedimenti li jippermettu l-impożizzjoni ta' kontribuzzjonijiet oħrajn aktar 'il quddiem.

(41) L-approvazzjoni tal-iskema ta' għajnuna ma teżentax l-Istati tal-EFTA milli jippreżentaw rapport lill-Awtorità dwar l-użu tal-iskema, kull sitt xhur u pjani individwali għall-azjenda benefiċjarji fi żmien sitt xhur mid-data tal-intervent ([1]).

(42) Bħal fil-każ tal-iskemi ta' garanzija iżda wara li tiġi kkunsidrata n-natura inerentement irriversibbli ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni, l-Awtorità għandha tagħmel l-istima tagħha ta' dawn il-pjani b'mod illi tiżgura l-koerenza tar-riżultati globali tar-rikapitalizzazzjoni taħt l-iskema ma' dawk ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni magħmula barra minn skema bħal din, skont il-prinċipji tal-linji gwida tas-salvataġġ u ristrutturazzjoni, filwaqt li tikkunsidra l-karatteristiċi partikolari ta' kriżi sistematika fis-swieq finanzjarji.

## 5. XOLJIMENT IKKONTROLLAT TA' ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI

(43) Fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti xi Stati Membri jista' jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu xoljiment ikkontrollat ta' ċerti istituzzjonijiet finanzjarji fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dan l-istralċ ikkontrollat, possibilment implimentat b'rabta mal-kontribuzzjoni ta' fondi pubbliċi, jista' jiġi applikat f'każijiet individwali, jew bħala t-tieni pass, wara l-għajnuna ta' salvataġġ lil istituzzjoni finanzjarja individwali meta jkun jidher ċar li din tal-aħħar ma tkunx tista' tiġi rristrutturata b'suċċess, jew inkella f'azzjoni waħda, Xoljiment ikkontrollat jista' jikkostitwixxi wkoll element ta' skema ta' garanzija ġenerali, Eż. meta Stat tal-EFTA jobbliga ruħu li jibda stralċ ta' istituzzjoni finanzjarja li għaliha jkun meħtieġ li tiġi attivata l-garanzija.

(44) Għal darb'oħra, il-valutazzjoni ta' skema bħal din u ta' miżuri individwali ta' stralċ meħuda taħt tali skema jsegwu l-istess linji, mutatis mutandis, imsemmija hawn fuq għall-iskemi ta' garanzija.

(45) In-natura partikolari tal-miżura ta' stralċ tagħti lok għall-kunsiderazzjonjiet li ġejjin.

(46) Fil-kuntest tal-istralċ, trid tingħata attenzjoni partikolari sabiex jiġi minimizzat ir-riskju suġġettiv, b'mod partikolari billi jiġu esklużi xi azzjonisti u possibilment ċerti tipi ta' kredituri milli jirċievu l-benefiċċju ta' xi għajnuna fil-kuntest ta' proċedura ta' stralċ ikkontrollat.

(47) Sabiex tiġi evitata distorsjoni ta' kompetizzjoni, il-fażi tal-istralċ għandha tkun limitata għall-perjodu strettament neċessarju għax-xoljiment ordnat. Sakemm l-istituzzjoni finanzjarja benefiċjarja tkompli topera m'għandhiex tidħol f'attivitajiet ġodda, iżda sempliċiment tkompli dawk diġa mibdijin. Il-liċenzja bankarja għandha tiġi rtirata mill-aktar fis possibbli.

(48) Sabiex jiġi żgurat illi l-ammont ta' għajnuna jibqa' fil-minimu neċessarju fid-dawl tal-iskop mixtieq, jinħtieġ li jiġi kkunsidrat illi l-protezzjoni tal-istabilità finanzjarja fl-ambitu tat-taqlib finanzjarju preżenti tista' timplika n-neċessità ta' rifużjoni għal ċerti kredituri tal-bank stralċat permezz ta' miżuri ta' għajnuna. L-għażla tal-kriterji għas-selezzjoni tat-tipi ta' passivi għal dan l-iskop għandha ssegwi l-istess regoli stabbiliti għall-passivi koperti bl-iskema ta' garanzija.

(49) Sabiex jiġi żgurat illi ma tingħatax għajnuna lill-bejjiegħa tal-istituzzjoni finanzjarja jew ta' partijiet minna jew lill-entitajiet mibjugħa, huwa importanti li ċerti kundizzjonijiet ta' bejgħ jiġu rrispettati. Il-kriterji li ġejjin sejrin jittieħdu inkonsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta jkun qed jiġi determinat jekk hemmx għajnuna potenzjali:

— il-proċess ta' bejgħ għandu jkun miftuħ u non-diskriminatorju,

— il-bejgħ għandu jsir bil-kundizzjonijiet tas-suq,

— l-istituzzjoni finanzjarja jew il-Gvern, (skont l-istruttura magħżula) għandhom jimmassimizzaw il-prezz tal-bejgħ għall-attivi u l-passivi involuti,

— f'eventwalità li jkun neċessarju li tingħata xi għajnuna lill-entità ekonomika li tkun se tinbiegħ, għandu jkun hemm eżami individwali skont il-prinċipji tal-linji gwida tas-salvataġġ u ristrutturazzjoni.

(50) Meta l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji jwasslu għall-konklużjoni li hemm għajnuna lill-bejjiegħa jew lill-entitajiet mibjugħin, il-kompatibilità ta' dik l-għajnuna trid tiġi valutata separatament.

([1]) Sabiex jiġi faċilitat ix-xogħol tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-Kummissjoni se tkun lesta li teżamina notifiki raggruppati ta' każijiet simili ta' ristruturazzjoni Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li ma hemmx ħtieġa li jiġi preżentat pjan fejn dan ikun purament dwar stralċ tal-istituzzjoni, jew meta d-daqs ikun negliġibbli.

## 6. PROVVEDIMENT TA' ASSISTENZA TA' FOROM OĦRA TA' LIKWIDITÀ

(51) Sabiex jiġu indirizzati problemi akuti ta' likwidità ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji, l-Istati tal-EFTA jistgħu jabbinaw mal-iskemi ta' garanziji u rikapitalizzazzjoni forom ta' sostenn ta' likwidità komplimentari, bi provvedimenti minn fondi pubbliċi (li jinkludu fondi mill-bank Ċentrali). Meta Stat tal-EFTA/bank Ċentrali ma jirreġixxix għall-kriżi bankarja b'miżuri selettivi favur banek individwali, iżda b'miżuri ġenerali miftuħin għall-parteċipanti tal-istess kalibru fis-suq (eż. billi tislef lis-suq kollu bl-istess termini), dawn it-tipi ta' miżuri ġenerali huma ta' spiss barra mill-ambitu tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u m'għandhomx għalfejn jiġu nnotifikati lill-Awtorità. L-Awtorità tikkunsidra pereżempju li l-attivitajiet tal-banek ċentrali relatati mal-politika monetarja, bħal operazzjonijiet fuq is-suq miftuħ u fuq inizjattiva tal-kontroparti, ma jinqabdux taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Sostenn immirat lejn istituzzjonijiet finanzjarji speċifiċi jista' ukoll jitqies li mhumiex għajnuna f'ċirkostanzi speċifiċi. Skont il-prassi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni [1] l-Awtorità tikkonsidra li l-proveddiment tal-fondi tal-bank ċentrali lill-istituzzjoni finanzjarja f'każijiet bħal dawn tista' tiġi meqjusa li mhix għajnuna meta ċerti kundizzjonijiet jiġu sodisfatti, bħal:

— l-istituzzjoni finanzjarja tkun solventi fil-mument tal-provvediment tal-likwidità u din tal-aħħar ma tkunx parti minn xi pakkett ta' għajnuna ikbar,

— il-faċilità tkun kompletament garantita minn kollateral li għalih jiġi applikat tnaqqis, skont il-kwalità u l-valur fis-suq tagħha,

— il-bank ċentrali jeżiġi ħlas ta' rata ta' interess li tippenalizza mingħand il-benefiċarju,

— il-miżura tiġi meħuda fuq inizjattiva tal-bank ċentrali nnifsu, u b'mod partikolari ma tkunx sostnuta b'xi kontrogaranzija mill-Istat.

(52) L-Awtorità tikkunsidra li fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti skema ta' sostenn ta' likwidità minn għejjun pubbliċi (li jinkludi l-Bank Ċentrali) fejn jikkostitwixxi għajnuna, jista' jitqies kompatibbli, skont il-prinċipji fil-linji gwida tas-salvataġġ u ristrutturazzjoni. Sakemm ikun hemm żgurata reviżjoni regulari ta' tali skema ta' likwidità kull sitt xhur [2] l-approvazzjoni tal-iskema tista' tkopri perjodu itwal minn sitt xhur u sa sentejn, fil-prinċipju. Tista' tiġi estiża ulterjorment, bl-approvazzjoni tal-Awtorità, fil-każ illi l-kriżi fis-swieq finanzjarji tkun tirrikjedi dan.

## 7. TRATTAMENT RAPIDU TA' INVESTIGAZZJONIJIET DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(53) Meta jiġu applikati r-regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-miżuri kkunsidrati f'dan il-Kapitolu b'mod li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-kundizzjonijiet prevalenti fis-suq finanzjarju, l-Awtorità b'koperazzjoni mal-Istati tal-EFTA, għandhom it-tnejn li huma jiżguraw illi jilħqu l-għan tagħhom u li jżommu f'livell minimu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni relatati kemm fi ħdanhom kif ukoll bejn Stati taż-ŻEE. Sabiex tiġi faċilitata din il-koperazzjoni u sabiex jipprovdu kemm lill-Istati tal-EFTA kif ukoll lill-partijiet terzi biċ-ċertezza legali neċessarja dwar il-konformità tal-miżuri meħuda fil-Ftehim taż-ŻEE (li huwa komponent sinifikattiv sabiex tiġi restitwita l-fiduċja lis-swieq), huwa ta' importanza suprema li l-Istati tal-EFTA jinfurmaw lill-Awtorità dwar l-intenzjonijiet tagħhom u jinnotifikaw kemm jista' jkun kmieni u b'mod komplut il-pjani tagħhom li jintroduċu miżuri, u fi kwalunkwe każ qabel ma l-miżura tiġi implimentata. L-Awtorità hija impenjata li tiżgura l-awtorizzazzjoni rapida tal-miżuri tal-għajnuna malli tirċievi n-notifiki sħaħ.

---

(1) Ara pereżempju Northern Rock (ĠU C 43, 16.2.2008, p. 1).
(2) Il-prinċipji fuq imsemmija f'punt 24 jistgħu japplikaw għal din ir-reviżjoni.

*ANNESS II*

**Ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji** (1) **fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa** (2)

1. DAĦLA

(1) Il-Linji Gwida tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") tad-29 ta' Jannar 2009 dwar L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti (3) ("il-Linji Gwida dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji") jirrikonoxxu li l-iskemi tar-rikapitalizzazzjoni huma waħda mill-miżuri prinċipali li l-Istati tal-EFTA (4) jistgħu jieħdu sabiex jippreservaw l-istabilità u l-funzjonament kif suppost tas-swieq finanzjarji.

(2) Il-Kunsill tal-ECOFIN tas-7 ta' Ottubru 2008 u l-laqgħa tal-Eurogroup tat-12 ta' Ottubru 2008 indirizzaw ir-rikapitalizzazzjoni bi spiritu simili billi kkonkludew li "Gvernijiet impenjaw ruħhom sabiex jipprovdu kapital meta meħtieġ f'volum xieraq waqt li jiffavorixxu b'kull mezz disponibbli ż-żieda tal-kapital privat. Istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu obbligati li jaċċettaw restrizzjonijiet addizzjonali, notevolment sabiex jipprekludu abbuż possibbli ta' arranġamenti bħal dawn bl-ispejjeż fuq non-benefiċjarji", u "l-interessi leġittimi tal-kompetituri jridu jiġu protetti, b'mod partikolari permezz ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat."

(3) Sa Diċembru 2008, il-Kummissjoni approvat skemi ta' rikapitalizzazzjoni fi tlett Stati Membri, kif ukoll miżuri ta' rikapitalizzazzjoni individwali, skont il-prinċipji msemmija fil-Komunikazzjoni Bankarja (5). Rikapitalizzazzjoni, notevolement fil-forma ta' ishma ordinarji u preferuti, ġiet awtorizzata, soġġett b'mod partikolari għall-introduzzjoni ta' rati ta' rimunerazzjoni orjentati lejn is-suq, protezzjoni ta' imġieba xierqa u reviżjoni regolari. Madankollu, peress li n-natura, skop u kundizzjonijiet tal-iskemi ta' rikapitalizzazzjoni li bħalissa qed jiġu kkunsidrati jvarjaw b'mod konsiderevoli, kemm l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet benefiċjarji potenzjali saqsew għal gwida aktar dettaljata dwar jekk forom speċifiċi ta' rikapitalizzazzjoni jkunux aċċettabbli taħt regoli tal-għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, xi Stati Membri jikkunsidraw ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek, primarjament mhux biex isalvawhom imma aktar sabiex jassiguraw self lill-ekonomija reali. Il-Linji Gwida preżenti jipprovdu gwida għal skemi ġodda ta' rikapitalizzazzjoni u tiftaħ il-possibilità ta' aġġustament ta' skemi ta' rikapitalizzazzjoni eżistenti.

Oġġettivi komuni: Tirrestawra l-istabbilità finanzjarja, tassigura self lil l-ekonomija reali u tittratta mar-riskju sistematiku ta' insolvenza possibbli

(4) Fil-kuntest tas-sitwazzjoni preżenti fis-swieq finanzjarji, ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek tista' sservi numru ta' oġġettivi. L-ewwel, rikapitalizzazzjonijiet jikkontribwixxu għar-restawr tal-istabbilità finanzjarja u jgħinu sabiex jirrestawraw il-kunfidenza meħtieġa għall-irkupru tas-self bejn il-banek. Barra minn hekk, kapital addizzjonali jipprovdi protezzjoni fi żmien ta' riċessjoni sabiex jassorbi telf u jillimita r-riskju li l-banek ifallu. Taħt il-kundizzjonijiet preżenti, li bdew b'mod partikolari bil-kollass tal-Lehman Brothers, banek li fundamentalment huma b'saħħithom jistgħu jkollhom bżonn injezzjonijiet ta' kapital sabiex jilqgħu għal perċezzjoni mifruxa li proporzjonijiet għola ta' kapital huma meħtieġa minħabba r-riskju li ma kienx ġie stimat b'mod korrett fil-passat u ż-żieda tal-ispejjeż tal-fondi.

(5) It-tieni, ir-rikapitalizzazzjonijiet jistgħu jkollhom bħala oġġettiv l-assigurazzjoni tas-self lill-ekonomija reali. Fundamentalment banek b'saħħithom jistgħu jippreferu li jirrestrinġu s-self sabiex jevitaw ir-riskju u jżommu proporzjonijiet għolja ta' kapital. Injezzjoni ta' kapitali mill-Istat tista' tostakola restrizzjonijiet ta' forniment ta' kreditu u tillimita d-diffikultajiet tas-swieq finanzjarji milli jgħaddu għal kummerċ ieħor.

(6) It-tielet, rikapitalizzazzjoni mill-Istat tista' wkoll tkun reazzjoni xierqa għall-problemi ta' istituzzjonijiet finanzjarji li qed iħabbtuha mal-falliment minħabba l-mudell ta' kummerċ partikolari jew tal-istrateġija ta' investiment tagħhom. Injezzjoni ta' kapital mis-sorsi pubbliċi li jipprovdu appoġġ ta' emerġenza lil bank individwali tista' wkoll tgħin sabiex jiġu evitati effetti sistematiċi ta' dewmien qasir dwar il-possibilità ta' falliment tagħha. Fuq medda ta' żmien, ir-rikapitalizzazzjoni tista' tappoġġja l-isforz sabiex tipprepara għar-ritorn tal-bank in kwestjoni għal vijabilità fuq tul ta' żmien jew għal-likwidazzjoni tagħha.

(1) Għall-konvenjenza tal-qarrej, istituzzjonijiet finanzjarji jirreferu sempliċement għall-"banek" f'dan id-dokument.
(2) Il-Linji Gwida jikkorisspondo għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u salvagwardji kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa.", ippubblikata fil-5 ta' Ottubru 2008 (C(2008) 8259 finali), minn issa 'il quddiem "Il-Komunikazzjoni tar-Rikapitalizzazzjoni".
(3) Dawn il-Linji gwida jikkorrispondu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti" ippubblikata fil-ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.
(4) F'dawn il-Linji Gwida l-Istati tal-EFTA jirreferu għan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein.
(5) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2008 fil-każ N507/2008 *Miżuri għal Appoġġ Finanzjarju lill-industrija tal-banek fir-Renju Unit* (ĠU C 290, 13.11.2008, p. 4), id-deċizjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2008 fil-każ N512/2008 *Miżuri ta' Appoġġ għal istituzzjonijiet finanzjarji fil-Ġermanja* (ĠU C 293, 15.11.2008, p. 2) u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2008 fil-każ N560/2008 Miżuri ta' Appoġġ lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-Greċja, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2008 fil-każ N528/2008 l-Olanda, *Għajnuna lil ING Groep N.V*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2008 fil-każ NN68/2008 dwar *Għajnuna mill-Istat tal-Latvja lil JSC Parex Banka.*

Tħassib possibbli dwar il-kompetizzjoni

(7) Jekk jitqiesu dawn l-għanijiet komuni, il-valutazzjoni ta' kull skema jew miżura ta' rikapitalizzazzjoni trid tieħu f'kunsiderazzjoni distorsjonijiet possibbli fil-kompetizzjoni fuq tliet livelli differenti.

(8) L-ewwel, rikapitalizzazzjoni minn Stat tal-EFTA wieħed tal-banek tiegħu proprja ma għandhiex tagħti lil dawk il-banek vantaġġ kompetittiv mhux mistħoqq fuq banek fi Stati Membri taż-ŻEE oħra. Fl-assenza ta' ġustifikazzjoni xierqa bbażata fuq ir-riskju, l-aċċess għall-kapital f'rati konsiderevolment aktar baxxi minn tal-kompetituri mill-Istati Membri taż-ŻEE oħra, jista' jkollu impatt sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva ta' bank fis-suq uniku Ewropew aktar wiesa'. Għajnuna eċċessiva fi Stat tal-EFTA wieħed tista' wkoll tqanqal ġirja għas-sussidju fost l-Istati Membri u toħloq diffikultajiet lill-ekonomiji tal-Istati taż-ŻEE oħra li ma introduċewx skemi ta' rikapitalizzazzjoni. Approċċ koerenti u kkoordinat lir-remunerazzjoni tal-injezzjonijiet ta' kapital pubbliku, u lill-kundizzjonijiet l-oħra flimkien mar-rikapitalizzazzjoni, hija indispensabbli għall-preservazzjoni ta' livell uniformi. Azzjoni unilaterali u mhux koordinata f'dan il-qasam tista' wkoll tfixkel l-isforzi sabiex terġa tiġi ġġernerata stabbilità finanzjarja. ("Garanzija ta' kompetizzjoni ġusta fi ħdan iż-ŻEE")

(9) It-tieni, skemi ta' rikapitalizzazzjoni li huma miftuħa għal banek kollha ġewwa Stat tal-EFTA mingħajr livell xieraq ta' divrenzjar bejn banek benefiċjarji skont il-profili ta' riskju tagħhom jistgħu jagħtu vantaġġ mhux mistħoqq lill-banek f'diffikultà jew li ma tawx eżekuzzjoni sodisfaċenti meta mqabbla ma' banek li huma fundamentalment b'saħħithom u li jeżegwixxu aħjar. Dan se joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fuq is-suq u tal-inċentivi, iżid il-periklu morali u jdgħajjef il-kompetitività ġenerali tal-banek Ewropej ("Garanzija ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-banek")

(10) It-tielet, rikapitalizzazzjoni pubblika, b'mod partikolari r-rimunerazzjoni tagħha, ma għandhiex ikollha l-effett li tpoġġi lill-banek li ma għandhomx rikors għal fondi pubbliċi, pero li jfittxu kapital addizzjonali fuq is-suq, f'pożizzjoni li tkun anqas kompetittivà b'mod sinifikanti. Skema pubblika li tegħleb operazzjonijiet bbażati fuq is-suq tfixxkel ir-ritorn lejn funzjonament normali tas-suq. ("Garanzija ta' ritorn lejn il-funzjonament normali tas-suq")

(11) Kull rikapitalizzazzjoni proposta għandha effetti kompetittivi kumulattivi f'kull wieħed minn dawn it-tlett livelli. Iżda jrid jintlaħaq bilanċ bejn dawn il-problemi ta' kompetizzjoni u l-oġġettivi li jiġi restawrat l-istabbilità finanzjarja, jiġi assigurat self lill-ekonomija reali u affaċċjar tar-riskju tal-falliment. Min-naħa l-oħra, il-banek irid ikollhom termini favorevoli b'mod suffiċjenti tal-aċċess għall-kapital sabiex jkollhom rikapitalizzazzjoni effettiva daqskemm hu meħtieġ. Min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet marbuta ma' kull miżura ta' rikapitalizzazzjoni għandha tassigura livell uniformi u, għat-tul, ritorn lejn kondizzjonijiet normali tas-suq. Interventi mill-Istat għandhom għalhekk ikunu proporzjonati u temporanji u għandhom ikunu ddisinjati b'manjiera li jipprovdu inċentivi għall-banek sabiex jifdu lill-Istat hekk kif iċ-ċirkostanzi tas-suq jippermettu, sabiex joħroġ minn din il-kriżi settur bankarju Ewropew effiċjenti. Prezzijiet orjentati lejn is-suq ta' injezzjonijiet ta' kapital huma l-aħjar protezzjoni kontra differenzi mhux ġustifikati fil-livell ta' kapitalizzazzjoni u użu mhux kif suppost ta' dan il-kapital. Fil-każijiet kollha, l-Istati tal-EFTA jridu jassiguraw li kull rikapitalizzazzjoni ta' bank tkun ibbażata fuq bżonn ġenwin.

(12) Il-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn stabbilità finanzjarja u għanijiet ta' kompetizzjoni jenfasizza l-importanza taddistinzjoni bejn fuq naħa waħda banek fundamentalment b'saħħithom u li joperaw tajjeb u fuq in-naħa l-oħra banek li huma f'diffikultà u li ma joperawx daqstant tajjeb.

(13) Fil-valutazzjoni tagħha ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni, sew jekk fil-forom ta' skemi sew jekk permezz ta' appoġġ lil banek individwali, l-Awtorità għalhekk se tagħti attenzjoni partikolari lil profil ta' riskju tal-benefiċjarji ([6]). Bħala linja ta' prinċipju, banek bi profil ta' riskju għola għandhom iħallsu aktar. Meta qegħdin ifasslu skemi ta' rikapitalizzazzjoni miftuħa għal sett ta' banek differenti, l-Istati tal-EFTA għandhom iqisu sewwa l-kriterji ta' dħul u t-trattament tal-banek bil-profili ta' riskju differenti u jiddistingwu fit-trattament tagħhom skont il-każ (ara Anness I). Għandha titqies is-sitwazzjoni ta' banek li qed jaffrontaw diffikultajiet minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti, għalkemm dawn ikunu ġew ikkunsidrati bħala fundamentalment b'saħħithom qabel il-kriżi.

(14) Flimkien ma' indikaturi bħal per eżempju konformità ma' rekwiżiti ta' solvibilità regolatorja u adegwatezza ta' kapital prospettiv kif iċċertifikat mill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, il-firxa u r-rata ta' CDS ta' qabel il-kriżi għandhom, per eżempju, ikunu bażi tajba għal differenzjazzjoni tar-rati tar-rimunerazzjoni għall-banek differenti. It-tixrid preżenti jista' wkoll jirrifletti riskji inerenti li se jdgħajfu s-sitwazzjoni kompetittiva ta' xi banek hekk kif joħorġu mill-kondizzjonijiet ġenerali ta' kriżi. Il-firxa ta' qabel il-kriżi u dik preżenti għandhom f'kull każ jirriflettu l-piż, jekk hemm, ta' assi tossiċi u/jew id-dgħufija tal-mudell ta' negozju tal-bank minħabba fatturi bħal dipendenza żejda fuq finanzjar għal perjodu qasir ta' żmien jew vantaġġi mhux fin-norma.

(15) F'każijiet debitament ġustifikati, jista' jkun meħtieġ, li jaċċettaw rimunerazzjoni aktar baxxa għal perjodu qasir ta' żmien għall-banek li jinsabu f'diffikultà, fuq l-assunzjoni u l-kondizzjoni li fuq perjodu itwal ta' żmien l-ispejjeż talintervent pubbliku favur tagħhom jkun rifless fir-ristrutturazzjoni meħtieġa sabiex tiġi restawrata l-vijabilità u sabiex jiġi kkunsidrat l-impatt kompetittiv tal-appoġġ mogħti lilhom f'miżuri kompensatorji. Banek li huma finanzjarjament b'saħħithom jistgħu jkunu ntitolati għal rati ta' dħul relativament baxxi għal kull rikapitalizzazzjoni, u korrispettivament kondizzjonijiet imnaqqsa b'mod sinifikanti dwar appoġġ pubbliku għat-tul, basta li jaċċettaw termini dwar il-fidi jew il-konverżjoni tal-istrumenti sabiex iżommu n-natura temporanja tal-involviment tal-Istat, u l-oġġettiv tiegħu li jirrestawra l-istabbilità/self finanzjarju lill-ekonomija, u l-bżonn li jiġi evitat l-abbuż tal-fondi għal raġunijiet strateġiċi aktar wiesa'.

([6]) Ara l-Anness 1 għal aktar dettalji.

*Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)*

(16) Fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-20 ta' Novembru 2008, il-Bank Ċentrali Ewropew ippropona metodoloġija biex jimmarka l-prezz tal-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni tal-Istat għall-istituzzjonijiet fundamentalment b'saħħithom fil-qasam tal-Euro. Il-konsiderazzjonijiet li jiggwidaw u li huma qed jenfasizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet jirriflettu totalment il-prinċipji stipulati f'din l-introduzzjoni. Skont ir-rwoli u r-responsabilitajiet speċifiċi, il-BĊE jagħmel enfażi partikolari fuq l-effettività tal-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni sabiex issaħħaħ l-istabbilità finanzjarja u jinkoraġġixxi ċ-ċirkulazzjoni mhux imfixkla ta' kreditu lill-ekonomija reali. Fl-istess waqt, din tenfasizza l-bżonn għal prezzijiet li huma orjentati lejn is-suq, inkluż ir-riskju speċifiku tal-banek individwali benefiċjarji u l-bżonn li jippreżervaw livell uniformi bejn banek li qegħdin f'kompetizzjoni.

(17) Għalkemm l-Istati tal-Efta mhumiex membri tal-BĊE, l-Awtorità tilqa' r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu li jipproponu skema ta' prezzar għall-injezzjonijiet ta' kapital bbażata fuq kuritur għar-rati ta' ritorn għal banek benefiċjarji li huma fundamentalment istituzzjonijiet finanzjarji b'saħħithom, għalkemm jeżistu varjazzjonijiet fil-profil ta' riskju tagħhom. Dan id-dokument għandu l-għan li jestendi l-gwida għal kondizzjonijiet li mhumiex r-rati tar-rimunerazzjoni u għat-termini li permezz tagħhom banek li ma humiex fundamentalment b'saħħithom jista' jkollhom aċċess għall-kapital pubbliku.

(18) Barra minn hekk, waqt li tirrikonoxxi li r-rati preżenti eċċezzjonali tas-suq ma jikkostitwuwx punt ta' referenza raġonevoli sabiex jiddetermina l-livell korrett ta' rimunerazzjoni ta' kapital, l-Awtorità hi tal-parir li miżuri ta' rikapitalizzazzjoni mill-Istati tal-EFTA għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni stima mhux korretta tar-riskju fil-perjodu ta' qabel il-kriżi. Mingħajr dan, rati ta' rimunerazzjoni mill-pubbliku jistgħu jagħtu vantaġġ kompetittiv mhux mistħoqq lill-benefiċjarji u aktar tard iwassal li r-rikapitalizzazzjoni mill-privat tinqata 'l barra.

## 2. PRINĊIPJI LI JIGGVERNAW TIPI DIFFERENTI TA' RIKAPITALIZZAZZJONI

(19) L-aħjar garanzija sabiex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni hi li l-prezzijiet għandhom ikunu qrib kemm jista' jkun għall-prezzijiet tas-suq ([7]). Għalhekk it-tfassil ta' rikapitalizzazzjoni għandu jkun determinat b'mod li jieħu s-sitwazzjoni tas-suq ta' kull istituzzjoni f'konsiderazzjoni, inkluż il-profil ta' riskju preżenti u l-livell ta' solvenza, u jżomm livell uniformi billi ma jkunx jipprovdi sussidju kbir iżżejjed meta mqabbel ma' alternattivi ta' suq preżenti. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tal-ipprezzar għandhom jipprovdu inċentiv lill-bank sabiex jifdi lill-Istat hekk kif il-kriżi tgħaddi.

(20) Dawn il-prinċipji jiġu tradotti fil-valutazzjoni tal-elementi li ġejjin tad-disinn ġenerali tal-miżuri tar-rikapitalizzazzjoni: oġġettiv tar-rikapitalizzazzjoni, is-saħħa tal-bank benefiċjarju, rimunerazzjoni, inċentivi tal-ħruġ, b'mod partikolari sabiex jiġi sostitwit il-kapital tal-Istat għall-investituri privati ([8]) sabiex jassiguraw in-natura temporanja tal-preżenza tal-Istat fil-kapital tal-bank, protezzjoni kontra abbuż tal-għajnuna u distorsjonijiet fil-kompetizzjoni, u r-reviżjoni tal-effetti tal-iskema tar-rikapitalizzazzjoni u s-sitwazzjoni tal-benefiċjarji permezz ta' rapporti regulari jew pjanijiet ta' ristrutturazzjoni fejn hu xieraq.

### 2.1. *Rikapitalizzazzjoni bir-rati tas-suq preżenti*

(21) Fejn injezzjonijiet ta' kapital tal-Istat ikunu fuq termini ugwali mal-parteċipazzjoni sinifikanti (30 % jew aktar) ta' investituri privati, il-Kummissjoni se taċċetta r-rimunerazzjoni kif imsemmija fil-ftehim ([9]). Minħabba li l-problemi ta' kompetizzjoni li jinħolqu minħabba din l-operazzjoni huma limitati, sakemm it-termini tal-ftehim ikunu tali li jbiddlu b'mod sinifikattiv l-inċentivi tal-investituri privati, fil-prinċipju ma jidhirx li hemm bżonn ta' protezzjoni għall-kompetizzjoni ex ante jew ta' inċentivi ta' ħruġ.

### 2.2. *Rikapitalizzazzjonijiet temporanji ta' banek fundamentalment b'saħħithom sabiex jinkoraġġixxu stabbilità finanzjarja u self lill-ekonomija reali*

(22) Fl-evalwazzjoni tat-trattament tal-banek f'din il-kategorija, l-Awtorità se tpoġġi piż konsiderevoli fuq id-distinzjoni bejn banek fundamentalment b'saħħithom u banek oħra li ġew diskussi fil-paragrafi 12 sa 15.

---

([7]) Ara l-punt 39 tal-Linji Gwida dwar l-istituzzjonjiet finanzjarji.

([8]) Ir-referenzi kollha għall-inċentivi tal-ħruġ jew inċentivi sabiex jiġi kompensat l-Istat f'dan id-dokument għandhom jinftehmu bħala li għandhom l-għan li jissostitwixxu l-kapital tal-Istat bil-kapital tal-privat safejn hu meħtieġ u xieraq fil-kuntest ta' ritorn għal kondizzjonijiet normali tas-suq.

([9]) Ara per eżempju d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2008 fil-Każ N 512/08 Miżuri ta' appoġġ għall-istituzzjonijiet finanzjarji fil-Germanja, punt 54.

(23) Rimunerazzjoni ġenerali għandha tinkludi b'mod xieraq l-elementi li ġejjin:

(a) Profil ta' riskju preżenti ta' kull benefiċjarju ([10]);

(b) il-karatteristiċi tal-istrument magħżul, inkluż il-livell tiegħu ta' subordinazzjoni; riskju u l-modalitajiet kollha tal-pagament ([11]);

(c) Inċentivi inerenti għall-ħruġ (bħal eżempju klawżoli ta' rivalorizzazzjoni u ta' fidi);

(d) Livell xieraq stabbilit ta' rata ta' interess mingħajr riskju.

(24) Ir-*rimunerazzjoni* għal rikapitalizzazzjonijiet tal-Istat ma tistax tkun għolja daqs livelli ta' suq preżenti (xi 15 %) ([12]) peress li dawn mhux neċessarjament jiriflettu dak li jista' jitqies bħala kondizzjonijiet ta' suq normali ([13]). Konsegwentement, il-Kummissjoni hija ppreparata li taċċetta l-*prezz* tar-rikapitalizzazzjonijiet ta' banek li huma fundamentalment b'saħħithom b'rati li huma aktar baxxi mir-rati tas-suq preżenti, biex jiffaċilitaw lill-banek sabiex jużaw dawn l-istrumenti u għalhekk jiffavorixxu r-ristorazzjoni tal-istabbilità finanzjarja u jassiguraw is-self lill-ekonomika reali.

(25) Fl-istess ħin, ir-ritorn totali mistenni fuq rikapitalizzazzjoni lill-Istat ma għandhux ikun ħafna 'l bogħod mill-prezzijiet tas-suq kurrenti minħabba li (i) għandu jevita li r-riskju ta' qabel il-kriżi jiġi mogħti prezz baxx, (ii) għandu jirrifletti l-inċertezza dwar il-ħin u livell ta' ekwilibriju ta' prezz ġdid, (iii) għandu jipprovdi inċentivi sabiex toħroġ mill-iskema u (iv) għandu jimminimizza r-riskju ta' distorsjonijet fil-kompetizzjoni bejn l-Istati taż-ŻEE, kif ukoll bejn dawk il-banek li jżidu fil-kapital fis-suq illum mingħajr għajnuna mill-Istati. Rata ta' rimunerazzjoni li mhix daqstant "il bogħod mill-prezzijiet kurrenti tas-suq hija essenzjali sabiex tevita li jinqata" 'l barra r-rikapitalizzjoni permezz tas-settur privat u tiffaċilità r-ritorn għal kondizzjonijiet normali tas-suq.

Prezz fil-livell tad-dħul għal rikapitalizzazzjonijiet

(26) Fil-"Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni" ([14]) il-Kummissjoni ddeskriviet metodi sabiex jiġi ddeterminat il-prezz fil-livell ta' dħul tar-rikapitalizzazzjonijiet. Fil-"Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni", il-Kummissjoni ddeskriviet metodi sabiex jiġi ddeterminat il-prezz fil-livell ta' dħul tar-rikapitalizzazzjonijiet. L-Awtorità se tapplika l-metodi deskritti aktar l-isfel b'mod simili, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni li l-Istati tal-EFTA huma barra mill-Eurosistema. Il-Kummissjoni tikkonsidra li metodu adegwat sabiex tiddetermina l-prezz ta' rikapitalizzazzjonijiet jinsab fir-rakkomandazzjoniijiet tal-Eurosistema tal- 20 ta' Novembru 2008. Ir-rimunerazzjonijiet kkalkolati bl-użu ta' din il-metodoloġija jirrappreżentaw għall-Eurosistema bażi xierqa (livell ta' dħul) għar-rata nominali rikjesta ta' ritorn għar-rikapitalizzazzjoni ta' banek fundamentalment b'saħħithom. Dan il-prezz jista' jiġi aġġustat 'il fuq sabiex jikkunsidta l-bżonn li jiġi inkoraġġut il-fidi tal-kapital tal-Istat. Il-Kummissjoni tikkonsidra li tali aġġustamenti se jservu wkoll l-għan tal-protezzjoni ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni ([15]).

(27) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Eurosistema jikkonsidraw li r-rata tar-ritorn rikjesta mill-gvern dwar l-istrumenti ta' rikapitalizzazzjoni għal *banek fundamentalment b'saħħithom* - ishma preferuti u strumenti ibridi oħra - jistgħu jiġu determinati fuq il-bażi ta' "kuritur tal-prezz" definit mir-: rata ta' ritorn rikjesta dwar debitu subordinat li jirrappreżenta *rbit baxx,* u (ii) rata tar-ritorn rikjesta dwar ishma ordinarji li jirrappreżentaw *rbit għoli.* Din il-metodoloġija tinvolvi l-kalkolazzjoni ta' prezz tal-kuritur fuq il-bażi ta' komponenti differenti, li għandha wkoll tirrifletti l-fatturi speċifiċi ta' istituzzjonijiet individwali (jew settijiet ta' istituzzjonijeit simili) u tal-Istati tal-EFTA. L-applikazzjoni tal-metodoloġija billi tuża l-valuri medji (medja jew medjan) tal-parametri relevanti (rendiment ta' titoli statatli, firxiet ta' CDS, primja ta' riskju ta' ekwità) tiddetermina kurritur b'medja ta' rata tar-ritorn rikjest ta' 7 % fuq ishma preferuti b'fatturi simili għal dawk ta' dejn suboridinat u rata ta' ritorn medja rikjest ta' 9,3 % fuq ishma ordinarji relatati mal-banek fiż-żona tal-Euro. Għaldaqstant, il-prezz ta' kuritur medju jirrappreżenta portata indikattiva.

([10]) Ara l-Anness 1 għal aktar dettalji.

([11]) Per eżempju, numru ta' parametri jżidu jew inaqqsu l-valur tal-ishma preferuti, skont it-tifsura eżatta tagħhom, bħal eżempju: konvertibbli f'ishma ordinarji jew strumenti oħra, dividendi kumulattivi jew non-kumulattivi, rati tad-dividend fissi jew aġġustabbli, preferenza għal likwidazzjoni qabel ishma ordinarji, parteċipazzjoni jew le fil-qligħ l' fuq mir-rata tad-dividend mħallsa lill-ishma ordinarji, l-għażla li tbigħ, klawsoli ta' fidi, drittijiet ta' votazzjoni. Il-Kummissjoni se tuża l-klassifikazzjoni tal-istrumenti ta' kapital fost il-kategoriji regolatorji differenti bħala kejl (eż. parti ċentrali/mhux ċentrali, Livell 1/Livell 2).

([12]) Issir referenza għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti, nota tal-qiegħ il-paġna 10.

([13]) Il-livelli attwali ta' rimunerazzjoni jistgħu wkoll jirriflettu d-domanda preżenti relattivament għolja għal kapital fil-Livell 1 hekk kif il-banek jimxu 'l hinn minn dak li llum hu pperċepiet bħala l-mudell ta' negozju b'nuqqas ta' kapital tal-passat, imħallat ma' forniment relativament żgħir u volatilità għolja tas-suq.

([14]) Ara n-note tal-qiegħ il-paġna 2, paragrafi 26 *et seq*.

([15]) Ara l-punti 5 sa 7 tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Tmexxija tal-BĊE dwar l-ipprezzar tar-rikapitalizzazzjonijiet tal-20 ta' Novembru 2008.

(28) L-Awtorità se taċċetta rimunerazzjoni minima bbażata fuq il-metodoloġija msemmija hawn fuq għal banek fundamentalment b'saħħithom. Din ir-rimunerazzjoni hija differenzjata fuq livell ta' bank individwali fuq il-bażi ta' parametri differenti:

(a) it-tip ta' kapital magħżul ([16]): iktar ma tkun baxxa s-subordinazzjoni, iktar tkun baxxa r-rimunerazzjoni rikjesta fil-kuritur tal-prezz;

(b) livell stabbilit xieraq ta' rata ta' interess mingħajr riskju;

(c) il-profil ta' riskju individwali fil-livell nazzjonali tal-istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli kollha, (inklużi banek kemm finanzjarjament b'saħħithom u dawk f'diffikultà).

(29) L-Istati tal-EFTA jistgħu jagħżlu formula ta' prezzijiet li tinkludi wkoll klawżoli rivalorizzazzjoni jew ta' ħlas lura. Dawn il-fatturi għandhom jiġu magħżula b'mod xieraq ħalli, waqt li jinkoraġġixxu tmien kmieni tal-appoġġ lill-banek ta' kapital mill-Istat, ma jirriżultawx f'żieda eċċessiva fl-ispejjeż tal-kapital.

(30) L-Awtorità se taċċetta wkoll metodoloġiji alternattivi ta' pprezzar, sakemm dawn iwasslu għal rimunerazzjonijiet ogħla mill-metodoloġija ta' hawn fuq.

*Inċentivi għall-fidi ta' kapital mill-Istat*

(31) Miżuri ta' rikapitalizzazzjoni għandhom bżonn li jkollhom inċentivi xierqa għal kapital mill-Istat sabiex jiġu mifdija meta s-suq jippermetti ([17]). Il-metodu l-aktar faċli sabiex tipprovdi inċentiv għal banek sabiex jfittxu għal kapital alternattiv huwa li l-Istati tal-EFTA jitolbu għal rimunerazzjoni għolja adegwata għall-rikapitalizzazzjoni mill-Istat. Għal din ir-raġuni, l-Awtorità tikkonsidra li jkun utli li tiżdied b'mod ġenerali add-on fuq il-prezz tad-dħul determinat ([18]) sabiex tinċentivizza l-ħruġ. Struttura ta' pprezzar inkluż żidiet tul iż-żmien u klawżoli rivalorizzazzjoni se jirrinforzaw dan il-mekkaniżmu sabiex jinċentivizzaw il-ħruġ.

(32) Jekk Stat tal-EFTA jippreferi ma jżidx ir-rata ta' rimunerazzjoni nominali, dan jista' jikkonsidra li jżid ir-rimunerazzjoni globali permezz ta' *call options* jew klawżoli oħra ta' fidi, jew mekkaniżmi li jinkoraġixxu żidiet privati ta' kapital, pereżempju billi jgħaqqdu l-ħlas tad-dividendi ma' rimunerazzjoni obbligatorja tal-Istat li tiżdied biż-żmien.

(33) L-Istati tal-EFTA jistgħu wkoll jikkonsidraw l-użu ta' politika ta' dividend restrittiva sabiex jassiguraw il-karattru temporanju tal-intervent tal-Istat. Politika ta' dividend restrittiva tkun koerenti mal-oġġettiv tal-protezzjoni tas-self lill-ekonomija reali u mat-tisħiħ tal-bażi tal-kapital tal-banek benefiċjarji. Fl-istess ħin, ikun importanti li jitħalla jsir il-ħlas tad-dividend fejn din tirrappreżenta inċentiv sabiex tipprovdi ekwità privata ġdida lil banek fundamentalment b'saħħithom ([19]).

(34) L-Awtorità se tivvaluta mekkaniżmi proposti ta' ħruġ fuq bażi ta' każ b'każ. Ġeneralment, aktar mhu għoli d-daqs tar-rikapitalizzazzjoni u aktar mhu għoli l-profil ta' riskju tal-bank benefiċjarju, aktar ikun meħtieġ li jkun stipulat mekkaniżmu ċar ta' ħruġ. It-taħlita tal-livell u tip tar-rimunerazzjoni u, fejn u sakemm xieraq, ta' politika ta' dividend restrittiva, jeħtieġu li jirrappreżentaw, fit-totalità tagħhom, inċentiv ta' ħurġ suffiċjenti għall-banek benefiċjarji. L-Awtorità tikkonsidra, partikolarment, li restrizzjonijiet fuq ħlas ta' dividendi mhumiex meħtieġa fejn il-livell ta' prezzijiet jirrifletti korrettement il-profil ta' riskju tal-bank, u klawżoli rivalorizzazzjoni jew elementi komparabbli jipprovdu inċentivi suffiċjenti għall-ħruġ u rikapitalizzazzjoni hija limitata fil-qies.

*Prevenzjoni ta' distorsjonijiet indebiti fil-kompetizzjoni*

(35) Il-Linji Gwida dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji tisħaq, fil-punt 35, il-bżonn ta' protezzjoni kontra abbużi possibbli u distorsjonijiet ta' kompetizzjoni fl-iskemi ta' rikapitalizzazzjoni. Punt 38 tal-Linji Gwida dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġu li injezzjonijiet ta' kapital jiġu limitati għal minimu meħtieġ u ma jħallux lill-benefiċjarju li jieħu sehem fi strateġiji kummerċjali aggressivi li jkunu inkompatibbli mal-oġġettivi bażiċi tar-rikapitalizzazzjoni ([20]).

([16]) Bħall-ishma ordinarji, Kapital "non-core" tal-Livell 1 jew kapital tal-Livell 2.
([17]) Fid-dawl tat-tip ta' strument ta' rikapitalizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet superviżorji.
([18]) Dan huwa ħafna importanti minħabba li l-metodu ppreżentat hawn fuq jista' jiġi affettwat mir-riskju li jingħata prezz baxx għar-riskju kif kien jingħata qabel il-kriżi.
([19]) Waqt li jiġu kkonsidrati dawn il-konsiderazzjonijiet, restrizzjonijiet fuq il-ħlas ta' dividendi jistgħu per eżempju jkunu limitati fiż-żmien jew għal persentaġġ tal-profitti ġenerati, jew magħqudin mal-kontribuzzjonijiet ta' kapital ġdid, (per eżempju permezz ta' ħlas ta' dividendi fil-forma ta' ishma ġodda). Fejn il-fidi ta' Stat probabbli li jseħħ f'ħafna stadji, jista' jiġi wkoll previst ir-rilassament gradwali fuq kull restrizzjoni fuq dividendi f'konformità mal-progress tal-fidi.
([20]) Peress li l-oġġettivi li tassigura self lill-ekonomija reali, restrizzjonijiet tal-kobor tal-karta tal-bilanċ mhumiex meħtieġa fis-skemi ta' rikapitalizzazzjoni ta' banek fundamentalment b'saħħithom. Dan għandu fil-prinċipju japplika wkoll għal skemi ta' garanzija, sakemm ma hemmx riskju serju ta' spostament tal-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri taż-ŻEE.

(36) Bħala prinċipju ġenerali, aktar ma' tkun għolja r-rimunerazzjoni inqas hemm bżonn għal protezzjoni, peress li l-livell tal-prezz se jillimita distorsjonijiet ta' kompetizzjoni. Banek li jirċievu rikapitalizzazzjoni mill-Istat għandhom ukoll jevitaw li jirriklamizzawha għal raġunijiet kummerċjali.

(37) Protezzjoni tista' tkun meħtieġa sabiex ma tħallix li jkun hemm espansjoni kummerċjali aggressiva finanzjata mill-għajnuna mill-Istat. Fil-prinċipju, amalgamazzjonijiet u akkwisti jistgħu jikkostitwixxu kontribuzzjoni ta' valur għall-konsolidazzjoni tal-industrija tal-bank sabiex jilħqu l-oġġettivi li jistabbilizzaw is-swieq finanzjarji u jassiguraw moviment stabbli ta' kreditu lill-ekonomija reali. Sabiex ma jiġux preferuti dawk l-istituzzjonijiet b'appoġġ pubbliku għad-detriment tal-kompetituri mingħajr dak l-appoġġ, amalgamazzjonijiet u akkwisti għandhom ġeneralment jiġu organizzati fuq bażi ta' proċess kompetittiv ta' sejħiet.

(38) L-estensjoni tas-salvagwardji tal-imġieba se tkun ibbażata fuq valutazzjoni ta' proporzjonalità, waqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-fatturi kollha relevanti u, b'mod partikolari, il-profil ta' riskju tal-bank benefiċjarju. Waqt li banek bi profil ta' riskju baxx ħafna jistgħu jeħtieġu biss salvagwardji limitati ħafna ta' mġieba, il-bżonn għal din is-salvagwardji jiżdied meta l-profil ta' riskju ikun għola. Il-valutazzjoni ta' propozjonalità hija influwenzata aktar mill-qies relattiv tal-injezzjoni ta' kapital mill-Istat u l-livell li ntlaħaq ta' kapital inizjali.

(39) Meta Stati tal-EFTA jużaw rikapitalizzazzjoni bil-għan tal-iffinanzjar tal-ekonomija reali, huma jridu jassiguraw li l-għajnuna effettivament tikkontribwixxi għal dan. Għal dan il-għan, f'konformità mar-regolamenti nazzjonali, għandhom jehmżu mar-rikapitalizzazzjoni, salvagwardji nazzjonali effettivi u li jistgħu jkunu infurzati li jassiguraw li l-kapital injettat huwa użat sabiex isostni self lill-ekonomika reali.

*Reviżjoni*

(40) Barra minn hekk, kif indikat fil-Linji Gwida dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji ([21]) rikapitalizzazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni regolari. Sitt xhur wara li jiġu introdotti, l-Istati tal-EFTA għandhom jissottomettu rapport lill-Awtorità dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda. Ir-rapport irid jipprovdi informazzjoni kompleta fuq:

(a) il-banek li ġew rikapitalizzati, inkluż rigward l-elementi identifikati fil-punti 12 sa 15 tal-Anness 1, u valutazzjoni tal-mudell ta' negozju tal-banek, sabiex jiġi vvalutat il-profil ta' riskju u l-vijabilità tal-banek;

(b) l-ammonti rċevuti minn dawk il-banek u t-termini li fuqhom seħħet ir-rikapitalizzazzjoni;

(c) l-użu tal-kapital rċevut, inkluż fir-rigward ta' (i) is-self sostnut lill-ekonomija reali u (ii) tkabbir estern u (iii) il-politika tad-dividendi tal-banek benefiċjarji;

(d) l-osservanza tal-impenji magħmula mill-Istati tal-EFTA fil-konfront tal-inċentivi ta' ħruġ u kondizzjonijiet u salvagwardji oħra; kif ukoll

(e) it-triq lejn ħruġ mid-dipendenza fuq kapital tal-Istat ([22]).

(41) Fil-kuntest tar-reviżjoni, l-Awtorità se tivvaluta, fost affarijiet oħra, il-bżonn għal kontinwazzjoni ta' salvagwardji dwar l-imġieba. Skont l-evoluzzjoni tal-kondizzjonijiet tas-suq, tista' wkoll titlob għar-reviżjoni tal-protezzjoniji li takkompanja l-miżuri sabiex jassiguraw li l-għajnuna hi limitata għal ammont minimu u għad-dewmien minimu meħtieġ sabiex ittaffi minn din il-kriżi preżenti.

(42) L-Awtorità tfakkar li meta bank li kien inizjalment ikkunsidrat fundamentalment b'saħħtu jispiċċa f'diffikultajiet wara li tkun seħħet ir-rikapitalizzazzjoni, għandu jiġi notifikat pjan ta' ristrutturazzjoni għal dak il-bank.

2.3. *Rikapitalizzazzjonijiet għas-salvataġġ ta' banek oħra*

(43) Ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek li mhumiex fundamentalment b'saħħithom għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti aktar stretti.

([21]) Ara l-punt 34 sa 42 tal-Linji Gwida dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji. F'konformità mal-Linji Gwida dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji, miżuri ta' rikapitalizzazzjoni individwali meħudin f'konformità ma' skema ta' rikapitalizzazzjoni approvata mill-Awtorità ma għandhomx bżonn ta' notifikazzjoni u se jiġu vvalutati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-kuntest tar-reviżjoni u tal-preżentazzjoni ta' pjan ta' vijabilità.

([22]) Fid-dawl tal-karatteristiċi tal-istrument ta' rikapitalizzazzjoni.

(44) Għal dak li għandu x'jaqsam mar-rimunerazzjoni, kif stipulat aktar 'l fuq, din għandha tirrifletti l-profil ta' riskju tal-benefiċjarju u tkun għola minn tal-banek fundamentalment b'saħħithom ([23]). Din hija mingħajr preġudizzju għall-possibilità li l-awtoritajiet superviżuri jieħdu azzjoni urġenti fejn meħtieġ f'każijiet ta' ristrutturazzjoni. Fejn il-prezz ma jistax jiġi ffissat għal livelli li jikkorispondu mal-profil ta' riskju tal-bank, mandanakollu dan għandu jkun qrib għal dak mitlub għal bank simili taħt kondizzjonijiet tas-suq normali. Għalkemm hemm bżonn li jiġi assigurat stabbilità finanzjarja, l-użu ta' kapital tal-Istat għal dawn il-banek jista' biss jiġi aċċettat fuq il-kundizzjoni li bank għaddej mill-proċess ta' stralċ jew minn ristrutturazzjoni akkurata u vasta, inkluż bidla fl-amministrazzjoni u tmexxija tal-kumpaniji fejn xieraq. Għalhekk, għandu jiġi pprezentat għal dawn il-banek jew pjan ta' ristrutturazzjoni komprensiv jew pjan ta' likwidazzjoni fi żmien sitt xhur mir-rikapitalizzazzjoni. Kif indikat fil-Linji Gwida dwar l-istutuzzjonjiet finanzjarji, dan il-pjan se jiġi vvalutat skont il-prinċipji tal-linji gwida ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni għal kumpaniji f'diffikultà, u għandu jinkludi miżuri kompensatorji.

(45) Sakemm isir il-fidi tal-Istat, protezzjoniji tal-imġieba għal banek f'diffikultajiet fil-fażijiet ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni għandhom, fil-prinċipju, jinkludu: politika restrittiva dwar dividendi (inkluż projbizzjoni fuq dividendi almenu waqt l-perjodu ta' ristrutturazzjoni), limitazzjoni ta' rimunerazzjoni eżekuttiva jew id-distribuzzjoni ta' bonuses, obbligazzjoni li jiġi restawrat u miżmum livell għola tal-proporzjon ta' solvenza kompatibbli mal-oġġettiv ta' stabbilità finanzjarja, u skeda tal-ħinijiet għall-fidi tal-parteċipazzjoni tal-Istat.

2.4. *Kummenti finali*

(46) Finalment, l-Awtorità tieħu inkonsiderazzjoni l-possibilità li l-parteċipazzjoni tal-banek fl-operazzjonijiet ta' rikapitalizzazzjoni hija miftuħa għal kulħadd jew għal porzjon tajba ta' banek f'Stat tal-EFTA partikolari, anke fuq bażi anqas differenzjata, u immmirata li tikseb ritorn ġenerali xieraq fuq medda taż-żmien. Xi Stati tal-EFTA jistgħu jippreferu, għal raġunijiet ta' konvenjenza amministrattiva per eżempju, li jużaw metodi anqas elaborati. Mingħajr preġudizzju għall-possibilità li Stati tal-EFTA jibbażaw il-prezz tagħhom fuq il-metodoloġija msemmija aktar 'l fuq, l-Awtorità se taċċetta mekkaniżmi ta' prezzijiet li jwasslu għal livell ta' ritorn annwali mistenni totali għall-banek kollha li qed jipparteċipaw fi skema suffiċjentement għolja sabiex tieħu ħsieb varjetà ta' banek u l-inċentiv ta' ħruġ. Dan il-livell għandu normalment jiġi stipulat 'l fuq mill-rbit superjuri riferut fil-paragrafu 27 għal strumenti kapitali Livell 1 ([24]). Dan jista' jinkludi prezz ta' dħul aktar baxx u rivalorizzazzjoni xierqa, kif ukoll elementi oħra differenzjali u protezzjoniji kif deskritta 'l fuq ([25]).

---

([23]) Ara l-paragrfau 28 dwar il-prezz tal-kurritur estiż li jimplika żieda fir-rati ta' remunerazzjoni għal banek f'diffikultà.

([24]) Il-Kummissjoni s'issa aċċettat mizuri ta' rikapitalizzazzjoni b'ritorn annwali totali mistenni ta' almenu 10 % għal strumenti Livell 1 għall-banek kollha li qed jipparteċipaw fi skema. Għal Stati taż-ŻEE b'rati ta' ritorn li huma bla riskju li huma differenti b'mod sinifikanti mill-medja taż-Żona tal-Euro dan il-livell jista' jkollu bżonn li jiġi adattat skont għal din ir-raġuni. Aġġustmenti huma wkoll meħtieġa minħabba żvilluppi ta' rati bla riskju.

([25]) Ara, bħala eżempju ta' taħlit ta' prezz ta' dħul baxx b'elementi differenzjali, deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2008 fil-kawża N528/2008 l-Olanda Għajnuna lil *ING Groep N.V* fejn għal rimunerazzjoni ta' strument ta' kapital sui generis kategorizzata bħala kapital Livell 1 b'parteċipazzjoni silenzjuża b'validità limitata kupun fiss (8,5 %) huwa akkopjat ma' ħlasijiet ta' kupuni proporzjonalment żejda u dejjem aktar u aspett pożittiv possibbli, li jirriżulta f'ritorn annwali mistenni aktar minn 10 %.

*ANNESS 1*

**Prezzar tal-ekwità**

Ekwità (ishma ordinarji, ishma komuni) hija l-aħjar forma magħrufa ta' kapital Livell 1 b'parteċipazzjoni silenzjuża b'validità limitata. Ishma ordinarji huma rimunerati permezz ta' ħlasijiet ta' dividendi futuri u inċerti u żieda fil-prezz tal-ishma (żieda/telf fil-kapital), li t-tnejn li huma fl-aħħarnett jiddependu mill-istennija ta' moviment/profitti ta' kontanti futuri. Fis-sitwazzjoni preżenti, tbassir ta' movimenti futuri ta' flus kontanti hija aktar diffiċli milli taħt kondizzjonijiet normali. Għalhekk, il-fattur li l-aktar wieħed jinduna bih huwa l-prezz tas-suq kwotat tax-xiri tal-ishma. Għal banek mhux ikkwotati, minħabba li ma hemmx prezz maqsum ikkwotat, l-Istati EFTA għandhom jaslu għal approċċ xieraq ibbażat fuq is-suq, bħal ma hi valutazzjoni kompleta.

Jekk għajnuna tingħata fil-ħruġ ta' ishma ordinarji (sottoskrizzjoni), kull ishma li mhux meħuda mill-investituri eżistenti jew ġodda se jittieħdu minn Stati tal-EFTA bħala sottoskrittur bil-prezz l-aktar baxx possibbli meta mqabbel mal-prezz maqsum immedjatament qabel it-tħabbira tat-tpoġġija ta' offerta miftuħa. Ħlas ta' sottoskrizzjoni adegwata għandha wkoll tkun pagabbli mill-istituzzjoni li qed toħroġha ([1]). l-Awtorità se tieħu in kunsiderazzjoni l-influwenza li għajnuna mill-Istat rċevuta minn qabel jista' jkollha fuq il-prezz maqsum tal-benefiċjarju.

**Indikaturi għall-valutazzjoni tal-profil ta' riskju ta' bank**

Fil-valutazzjoni tal-profil ta' riskju ta' bank għall-għan tal-valutazzjoni ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, l-Awtorità se tieħu f'kunsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-bank b'mod partikolari rigward l-indikaturi li ġejjin:

(a) Adegwatezza ta' kapital: L-Awtorità se tivvaluta b'mod pożittiv il-valutazzjoni tas-solvenza tal-bank u l-adegwatezza kapitali prospettiva tagħha bħala riżultat ta' reviżjoni mill-awtorità superviżorja nazzjonali; reviżjoni bħal din se tivvaluta l-espożizzjoni tal-bank għal riskji varji (bħal eżempju riskju ta' kreditu, riskju ta' likwidità, riskju tas-suq, riskji ta' rati ta' interess u ta' rati ta' skambju), il-kwalità tal-portafoll tal-assi (fi ħdan is-suq nazzjonali u meta mqabbel ma' standards internazzjonali disponibbli), is-sostenibbiltà tal-mudell ta' negozju tiegħu fuq medda ta' żmien u elementi pertinenti oħra;

(b) Daqs tar-rikapitalizzazzjoni: L-Awtorità se tivvaluta b'mod pożittiv rikapitalizzazzjoni limitata fid-daqs, bħal per eżempju mhux aktar minn 2 % tal-assi tal-bank maħsuba għar-riskju;

(c) Firxiet CDS preżenti: L-Awtorità se tikkonsidra firxa daqs jew anqas mill-medja bħala indikatur ta' profil b'riskju aktar baxx;

(d) Rata kurrenti tal-bank u l-prospettiva tiegħu: L-Awtorità se tikkonsidra rata ta' A jew aktar u propettiva stabbli jew pożittiva bħala indikatur ta' profil ta' riskju aktar baxx.

Fl-evalwazzjoni ta' dawn l-indikaturi, għandha tiġi meqjusa s-sitwazzjoni ta' banek li qed jaffaċċjaw diffikultajiet minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti, għalkemm kienu jkunu meqjusin bħala fundamentalment b'saħħithom qabel il-kriżi, kif muri, pereżempju, bl-evoluzzjoni tal-indikaturi tas-suq bħal firxiet CDS u prezzijiet tal-ishma.

*Tabella 1*

**Tipi ta' kapital**

| | |
|---|---|
| Dejn | **Livell 2** |
| | Strumenti ta' dejn ta' terminu fiss |
| | Strumenti ta' Dejn Subordinati b'mod Perpetwu |
| Qligħ akbar rikjest ↓ Assorbiment ta' telf akbar | Ishma ta' preferenza kumulattivi jew strumenti simili oħra |
| | **Livell 1** |
| | Ishma ta' preferenza mhux kumulattivi jew strumenti simili oħra |
| | Ibridi oħra ta' kwalità għolja |
| Ekwità | Qligħ Riżervat/Ritenut |
| | Ishma Ordinarji |

([1]) Ara per eżempju, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2008 fil-kawża *N507/2008 Miżuri ta' Appoġġ Finanzjarju lill-Industrija tal-Bank fir-Renju Unit*, punt 11, deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2008 fil-kawża N512/2008 *Miżuri ta' Appoġġ għall-istituzzjonijiet finanzjarji fil-Ġermanja*, punt 12.

*ANNESS III*

**Qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika preżenti**

1. IL-KRIŻI FINANZJARJA, L-IMPATT TAGĦHA FUQ L-EKONOMIJA REALI U L-ĦTIEĠA GĦAL MIŻURI TEMPORANJI

1.1. *Il-kriżi finanzjarja u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija reali*

(1) Fis-26 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "*Il-Kummissjoni*") adottat il-Komunikazzjoni "*Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku*" ("*Il-Pjan ta' Irkupru*") biex tmexxi l-irkupru tal-Ewropa mill-kriżi finanzjarja preżenti ([1]). Il-Pjan ta' Irkupru huwa bbażat fuq żewġ elementi ewlenin li jirrinfurzaw reċiprokament lil xulxin. L-ewwel, miżuri fuq medda qasira ta' żmien biex iżidu d-domanda, isalvaw l-impjiegi u jgħinu sabiex jerġa' jkun hemm fiduċja u t-tieni, "investiment għaqli" biex jipproduċi tkabbir akbar u prosperità sostenibbli fuq perjodu ta' żmien aktar fit-tul. Il-Pjan ta' Irkupru se jintensifika u jħaffef riformi li diġà nbdew taħt l-Istrateġija ta' Liżbona.

(2) F'dan il-kuntest, l-isfida għall-Komunità hija li tevita intervent pubblika li jimmina l-għan ta' anqas għajnuna mill-Istat u għajnuna mill-Istat li hija mmirata aħjar. Madankollu, taħt ċerti kondizzjonijiet, hemm ħtieġa għal għajnuna mill-Istat temporanja ġdida.

(3) L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*l-Awtorità*") tieħu l-pożizzjoni li għandhom jiġu stabbilit strumenti ġodda li jippermettu l-applikazzjoni ta' regoli tal-għajnuna mill-Istat ti b'tali mod li tinkiseb flessibilità massima biex tiġi affaċċjata l-kriżi filwaqt li kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet u jiġu evitati distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni. Dawn il-Linji Gwida jagħtu d-dettalji dwar numru ta' opportunitajiet temporanji addizzjonali għall-Istati tal-EFTA biex jagħtu għajnuna mill-Istat. Dawn il-Linji Gwida jagħtu d-dettalji dwar numru ta' opportunitajiet temporanji addizzjonali għall-Istati tal-EFTA biex jagħtu għajnuna mill-Istat.

(4) L-ewwel, il-kriżi finanzjarja kellha impatt iebes fuq is-settur bankarju taż-ŻEE u qawwa bla preċedent fuq l-Iżlanda. Il-Kunsill Ewropew saħaq li, għalkemm l-intervent pubbliku għandu jkun deċiż fuq livell nazzjonali, jeħtieġ li dan isir fi ħdan qafas koordinat u fuq il-bażi ta' għadd ta' prinċipji komuni tal-Komunità ([2]). Il-Kummissjoni ħadet azzjoni immedjatament u adottat, fuq naħa, il-Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti ([3]) u, fuq in-naħa l-oħra, numru ta' deċiżjonijiet li jawtorizzaw l-għajnuna għas-salvataġġ lil istituzzjonijiet finanzjarji. L-Awtorità addottat miżuri korrispondenti ([4]).

(5) Aċċess suffiċjenti u abbordabbli għall-finanzjament huwa kundizzjoni minn qabel għall-investiment, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi mis-settur privat. Jeħtieġ li l-Istati tal-EFTA jużaw l-influwenza li kisbu b'riżultat tal-forniment ta' sostenn finanzjarju sostanzjali lis-settur bankarju biex jiżguraw li dan is-sostenn ma jwassalx sempliċement għal titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-banek mingħajr ebda benefiċċju għall-ekonomija inġenerali. Is-sostenn għas-settur finanzjarju għandu għalhekk ikun immirat tajjeb biex jiggarantixxi li l-banek jissoktaw bl-attivitajiet ta' tislif normali tagħhom. L-Awtorità se tqis dan meta teżamina l-għajnuna mill-Istat lill-banek.

(6) Filwaqt li s-sitwazzjoni fis-swieq finanzjarji tidher li qed titjieb, l-impatt sħiħ tal-kriżi finanzjarja fuq l-ekonomija reali issa qed jinħass. Tnaqqis serju ħafna qed jaffettwa l-ekonomija aktar wiesgħa u li jkollu impatt fuq l-unitajiet domestiċi, in-negozji u l-impjiegi. B'mod partikolari, b'konsegwenza tal-kriżi fis-swieq finanzjarji, il-banek għaddejjin minn proċess ta' tnaqqis fil-livell tad-dejn u qed isiru inqas lesti li jieħdu riskji milli kienu fi snin preċedenti li b'hekk qed iwassal għal restrizzjoni fil-kreditu. Il-kriżi finanzjarja tista' twassal għar-razzjonar tal-kreditu, tnaqqis fid-domanda u riċessjoni.

(7) Diffikultajiet bħal dawn jistgħu mhux biss jolqtu kumpaniji dgħajfa mingħajr protezzjoni mill-aspett ta' solvenza iżda wkoll kumpaniji b'saħħithom li se jiffaċċjaw nuqqas f'daqqa jew saħansitra indisponibbiltà ta' kreditu. Dan se jkun il-każ partikolarment għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") li, f'kull każ, jiffaċċjaw diffikultajiet akbar ta' aċċess għall-finanzjament minn kumpaniji li huma akbar. Sitwazzjoni bħal din tista' mhux biss serjament tolqot is-sitwazzjoni ekonomika ta' bosta kumpaniji b'saħħithom u l-impjegati tagħhom fuq medda qasira u medja ta' żmien, imma jista' jkollha effetti negattivi li jdumu aktar minħabba li l-investimenti kollha taż-ŻEE fil-futur - b'mod partikolari lejn tkabbir sostenibbli u għanijiet oħrajn tal-Istrateġija ta' Liżbona – jistgħu jiddewmu jew anki jiġu abbandunati.

---

([1]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew, COM (2008)800.

([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tas-7 ta' Ottubru 2008.

([3]) ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.

([4]) Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna għall-Istat għandhom jiġu emendati billi jiddaħħlu tliet kapitoli ġodda dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti, dwar ir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarji preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u salvagwardji kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux dovuti, adottata fid-29 ta' Jannar 2009.

1.2. *Il-ħtieġa għal koordinazzjoni taż-ŻEE mill-qrib ta' miżuri ta' għajnuna nazzjonali*

(8) Fis-sitwazzjoni finanzjarja attwali, l-Istati tal-EFTA jistgħu jkollhom it-tentazzjoni li jimxu għal rashom u li jidħlu f'tellieqa tas-sussidji biex jappoġjaw il-kumpaniji tagħhom. L-esperjenza tal-passat turi li azzjoni individwali ta' dan it-tip ma tistax tkun effettiva u tista' tkun ta' dannu serju għas-suq intern. Meta jingħata appoġġ, filwaqt li titqies bis-sħiħ is-sitwazzjoni ekonomika speċifika attwali, hu kruċjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet u opportunitajiet ugwali għall-kumpaniji taż-ŻEE u li jiġi evitat li l-Istati tal-EFTA jidħlu fi tlielaq ta' għoti ta' sussidji li ma jkunux sostenibbli u li jkunu ta' ħsara għaż-ŻEE globalment. Il-politika tal-kompetizzjoni teżisti biex tiżgura li dan isir.

1.3. *Il-ħtieġa għal miżuri temporanji ta' għajnuna mill-Istat*

(9) Il-miżuri temporanji addizzjonali li hemm dispożizzjoni dwarhom f'dawn il-Linji Gwida għandhom żewġ għanijiet: l-ewwel, fid-dawl tal-problemi eċċezzjonali u transitorji ta' finanzjament marbuta mal-kriżi bankarja, biex jiġi żblukkat it-tislif mill-banek lill-kumpaniji u b'hekk tiġi garantita l-kontinwità tal-aċċess tagħhom għall-finanzjament. minn dan l-aspett, l-SMEs huma partikolarment importanti għall-ekonomija kollha taż-ŻEE u t-titjib tal-qagħda finanzjarja tagħhom ikollu wkoll effetti pożittivi għall-kumpaniji l-kbar u b'hekk ikun ta' appoġġ għat-tkabbir u l-immodernizzar ekonomiku globali fit-tul.

(10) It-tieni għan huwa li l-kumpaniji jiġu inkoraġġuti jkomplu jinvestu fil-ġejjieni, b'mod partikolari f'ekonomija bi tkabbir sostenibbli. Tabilħaqq, jekk, b'riżultat tal-kriżi attwali, il-progress sinjifikanti li nkiseb fil-qasam ambjentali jitwaqqaf jew jingħeleb, jista' jkun hemm konsegwenzi possibbilment drammatiċi. Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li jingħata appoġġ temporanju lill-kumpaniji talli jinvestu fi proġetti ambjentali (li, fost affarijiet oħrajn, jista' jagħti vantaġġ teknoloġiku lill-industrija taż-ŻEE) u b'hekk jiġu magħquda l-appoġġ finanzjarju urġenti u meħtieġ ma' benefiċċji fit-tul għaż-ŻEE.

(11) Dawn il-Linji Gwida l-ewwel ifakkaru id-diversi opportunitajiet għal appoġġ pubbliku li diġà huma għad-dispożizzjoni tal-Istati tal-EFTA taħt ir-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat, qabel ma jistipulaw miżuri addizzjonali ta' għajnuna mill-Istat li l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu temporanjament sabiex jissanaw id-diffikultajiet li bħalissa qed jiltaqgħu magħhom xi kumpaniji rigward aċċess għall-finanzjament u sabiex jippromwovu investiment b'għanijiet ambjentali.

(12) L-Awtorità tqis li l-istrumenti ta' għajnuna proposti huma l-aktar strumenti xierqa biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

2. MIŻURI ĠENERALI TA' POLITIKA EKONOMIKA

(13) Il-Pjan għall-Irkupru Ekonomiku ġie adottat b'reazzjoni għas-sitwazzjoni ekonomika attwali. Fid-dawl tad-daqs tal-kriżi, il-Komunità teħtieġ approċċ koordinat, li huwa kbir u kuraġġjuż biżżejjed biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji. L-istess jgħodd għall-irkupru fl-Istati tal-EFTA.

(14) L-għanijiet strateġiċi tal-Pjan tal-Irkupru huma li:

— jistimula malajr id-domanda u jżid il-fiduċja tal-konsumaturi;

— jnaqqas l-impatt negattiv uman tat-tnaqqis ekonomiku u l-impatt tiegħu fuq dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Ħafna ħaddiema u l-familji tagħhom huma milquta jew se jintlaqtu mill-kriżi. Tista' tittieħed azzjoni biex jitwaqqaf it-telf tal-impjiegi u biex imbagħad in-nies jiġu megħjuna jirritornaw malajr fis-suq tax-xogħol, pjuttost milli jaffaċċjaw qgħad fit-tul;

— jgħin lill-Ewropa tipprepara sabiex tieħu vantaġġ meta jerġa' jibda t-tkabbir, sabiex l-ekonomija Ewropea tkun armonizzata mad-domandi għall-kompetittività u s-sostenibbiltà u l-ħtiġijiet tal-futur, kif deskritti fl-Istrateġija ta' Liżbona. Dan ifisser li jkun hemm appoġġ għall-innovazzjoni, li tinbena ekonomija bbażata fuq l-għarfien u li titħaffef il-bidla lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.

(15) Sabiex jilħqu dawn l-għanijiet, l-Istati tal-EFTA diġà għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom numru ta' strumenti li ma jitqiesux bħala għajnuna mill-Istat. Pereżempju, jista' jkun li xi kumpaniji qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet aktar serji ta' aċċess għall-finanzjament minn kumpaniji oħrajn u li jdewmu jew saħansitra jipperikolaw il-finanzjament neċessarju għat-tkabbir tagħhom u għall-implimentazzjoni tal-investimenti ppjanati. Għal dan l-għan, l-Istati tal-EFTA jistgħu jadottaw sensiela ta' miżuri ta' politika ġenerali, li jkunu applikabbli għall-kumpaniji kollha fit-territorji rispettivi tagħhom u li konsegwentement ma jaqgħux taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, li jkollhom l-għan li jtaffu temporanjament problemi ta' finanzjament fuq medda qasira u medja ta' żmien. Pereżempju, jistgħu jiġu estiżi l-iskadenzi għall-pagament ta' ħlasijiet tas-sigurtà soċjali u ħlasijiet simili u saħansitra t-taxxi jew jistgħu jiġu introdotti miżuri għall-impjegati. Jekk miżuri bħal dawn ikunu disponibbli għall-impriżi kollha, fil-prinċipju, dawn ma jammontawx għal għajnuna mill-Istat.

(16) L-Istati tal-EFTA jistgħu wkoll jagħtu appoġġ finanzjarju direttament lill-konsumaturi, pereżempji biex jiddisponu minn prodotti qodma u/jew jixtru prodotti ekoloġiċi. Jekk din l-għajnuna tingħata mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini tal-prodott, ma tqajjimx diffikultajiet rigward għajnuna mill-Istat.

(17) Barra minn dan, jistgħu jintużaw programmi ġenerali tal-Komunità, bħall-programm ta' Qafas ta' Kompetittività u Innovazzjoni (2007 sa 2013) stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5] u s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) stabbilit mid-deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6] għall-aħjar riżultati possibbli, biex iwasslu sostenn kemm lill-SMEs kif ukoll lill-impriżi l-kbar.

## 3. GĦAJNUNA MILL-ISTAT POSSIBBLI TAĦT STRUMENTI EŻISTENTI

(18) Matul l-aħħar snin, l-Awtorità mmodernizzat sinifikatament ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex tinkoraġġixxi l-Istati tal-EFTA biex jiddirezzjonaw aħjar l-appoġġ pubbliku lejn investimenti sostenibbli u b'hekk jikkontribwixxu għall-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività. F'dan il-kuntest, sar enfażi partikolari fuq l-SMEs flimkien ma' aktar possibbiltajiet sabiex tingħata għajnuna mill-Istat. Barra minn dan, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ġew issimplifikati u aġġornati mir-Regolament dwar l-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa [7] li ġie adottat dan l-aħħar u li issa joffri lill-Istati tal-EFTA varjetà wiesgħa ta' miżuri ta' għajnuna b'piż amministrattiv minimu. Fis-sitwazzjoni ekonomika attwali, l-istrumenti eżistenti ta' għajnuna mill-Istat li ġejjin huma ta' importanza partikolari:

(19) Ir-Regolament de minimis ( [8] kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE jispeċifika li miżuri ta' appoġġ ta' mhux aktar minn EUR 200 000 għal kull kumpanija matul kull perjodu ta' tliet snin ma jammontawx għal għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Ftehim taż-ŻEE. L-istess Regolament jipprovdi wkoll li garanziji ta' sa EUR 1,5 miljun ma jissuperawx il-limitu de minimis u għaldaqstant huma ma jammontawx għal għajnuna. Konsegwentement, l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu garanziji bħal dawn mingħajr ma jikkalkulaw l-ekwivalenti li jikkorrispondi f'għajnuna u mingħajr piżijiet amministrattivi.

(20) L-hawn fuq imsemmi Regolament dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER), huwa element ċentrali tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat billi tissimplifika l-proċedura tal-għajnuna mill-Istat għal xi miżuri importanti ta' għajnuna u billi tinkoraġġixxi d-direzzjoni mill-ġdid tal-għajnuna mill-Istat lejn għanijiet prijoritarji taż-ŻEE. Ir-regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija li kienu jeżistu qabel, flimkien ma' oqsma ġodda (innovazzjoni, ambjent, riċerka u żvilupp għal kumpaniji kbar u miżuri ta' kapital ta' riskju għall-SMEs) inġabru kollha fi strument wieħed. Fil-każijiet kollha koperti mill-GBER l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu għajnuna mingħajr notifika bil-quddiem lill-Awtorità. Għaldaqstant, il-ħeffa tal-proċess hija totalment f'idejn l-Istati tal-EFTA. Il-GBER huwa ta' importanza partikolari għall-SMEs peress li jipprovdi għal regoli speċjali għal għajnuna għall-investiment u għall-impjiegi esklussivament għall-SMEs. Barra minn dan, is-26 miżura kollha koperti huma disponibbli għall-SMEs u dan jippermetti lill-Istati tal-EFTA biex jakkumpanjaw lill-SMEs fl-istadji differenti tal-iżvilupp tagħhom, filwaqt li jgħinuhom f'oqsma li jkopru mill-aċċess għall-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi, il-miżuri ambjentali, eċċ.

(21) Il-Linji Gwida ġodda tal-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali [9] jipprovdu li l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat, fost oħrajn, kif ġej:

— għajnuna lil kumpaniji li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom lil hinn mill-istandards tal-Komunità jew, fin-nuqqas ta' tali standards, ta' sa 70 % tal-ispejjeż żejda għall-investment (sa 80 % fil-qasam tal-innovazzjoni ambjentali) għall-impriżi ż-żgħar u sa 100 % għall-ispejjeż żejda għall-investiment jekk l-għajnuna tingħata fi proċess ta' appalt ġenwinament kompetittiv u dan anki għal kumpaniji kbar; hija wkoll permessa għajnuna għal adattament bikri għal standards futuri tal-Komunità u għajnuna għal studji ambjentali;

— fil-qasam tal-enerġija li tiġġedded u l-koġenerazzjoni, l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu għajnuna operattiva biex jitkopru l-ispejjeż żejda għall-produzzjoni kollha;

— sabiex jinkisbu l-miri ambjentali għall-iffrankar tal-enerġija u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'effett serra, l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu għajnuna li tippermetti lill-impriżi jiksbu ffrankar tal-enerġija u għajnuna għal sorsi ta' enerġija li tiġġedded u koġenerazzjoni sa 80 % tal-ispejjeż żejda għall-investiment għall-impriżi ż-żgħar u sa 100 % għall-ispejjeż żejda għall-investiment jekk l-għajnuna tingħata fi proċess ta' appalt ġenwinament kompetittiv.

---

[5] ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15.

[6] ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

[7] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq komuni fl-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3) inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE f'punt 1j tal-Anness XV tal-Ftehim bid-Deċiżjoni Nru 120/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 (ĠU L 339, 18.12.2008, p. 111, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 79, 18.12.2008), e.i.f. 8.11.2008.

[8] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tas-6 ta' Awwissu 2007 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq komuni fl-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, ĠU L 379, 9.8.2008, p. 5) inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE f'punt 1j tal-Anness XV tal-Ftehim bid-Deċiżjoni Nru 29/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 (ĠU L 209, 18.12.2008, p. 52, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 38, 18.12.2008), e.i.f. 28.4.2007.

[9] The updated version of the State Aid Guidelines is published on the Authority's website:http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/state_aid_guidelines

(22) Fis-7 ta' Frar 2007, l-Awtorità adottat Linji Gwida ġodda għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Dak it-test fih dispożizzjonijiet ġodda dwar l-innovazzjoni, immirati speċifikament lejn l-SMEs u li jikkorrispondu wkoll għal direzzjonar aħjar tal-għajnuna lejn il-ħolqien tal-impjiegi u tat-tkabbir skont il-linji stabbilita mill-aġenda ta' Liżbona. B'mod partikolari, l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu għajnuna tal-istat, fost affarijiet oħra, kif ġej:

— għajnuna għal proġetti ta' riċerka u żvilupp, b'mod partikolari għajnuna għal riċerka fundamentali ta' sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli u għajnuna għal riċerka industrijali ta' sa 80 % għal impriżi żgħar;

— għajnuna għal impriżi ġodda u innovattivi ta' sa EUR 1 miljun u saħansitra aktar minn dan f'reġjuni assistiti, għajnuna għal raggruppamenti ta' innovazzjoni, għajnuna għal servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjoni u għajnuna għal servizzi ta' sostenn għall-innovazzjoni;

— għajnuna għat-tislif ta' persuna bi kwalifiki għoljin, għajnuna għal studji ta' fattibbiltà teknika, għajnuna għal innovazzjoni fil-proċessi u innovazzjoni organizzattiva fis-servizzi u għajnuna għal spejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għal SMEs.

(23) It-taħriġ huwa element ewlieni ieħor għall-kompetittività. Huwa ta' importanza kritika li jinżamm l-investiment fit-taħriġ sabiex jiġu żviluppati ħiliet ġodda, anki fi żmien meta l-qgħad qed jiżdied. Skont il-GBER il-ġdid, l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu lill-kumpaniji għajnuna għat-taħriġ kemm ġenerali kif ukoll speċifiku ta' sa 80 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(24) Fl-2008, l-Awtorità adottat Linji Gwida ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, li jispeċifika li taħthom kundizzjonijiet il-garanziji pubbliċi għal self ma jammontawx għal għajnuna mill-Istat. Skont dawk il-Linji Gwida, garanziji mhumiex meqjusa bħala għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari meta jitħallas prezz tas-suq għalihom. Minbarra li jiċċara l-kundizz-jonijiet jekk hemmx għajnuna fil-forma ta' garanziji jew le, l-Linji Gwida l-ġodda jintroduċu wkoll, għall-ewwel darba, primjums fil-limitu ta' eżenzjoni speċifiċi għall-SMEs, li jippermettu użu aktar faċli iżda sikur ta' garanziji sabiex jiġi inkoraġġit il-finanzjament ta' SMEs.

(25) Il-Linji Gwida ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jippromowovu investiment ta' kapital tar-riskju f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ġew adottati mill-Awtorità fil-25 ta' Ottubru 2006. Dawn huma mmirati lejn SMEs innovattivi u li qed jikbru malajr – punt fokali ewlieni tal-Istrateġija ta' Liżbona. L-Awtorità stabbiliet limitu ta' eżenzjoni ġdid ta' EUR 1,5 miljun għal kull SME fil-mira, żieda ta' 50 %. Taħt dan il-limitu, l-Awtorità taċċetta, fil-prinċipju, li hemm nuqqas ta' mezzi alternattivi ta' finanzjament mis-swieq finanzjarji (jiġifieri li jeżisti falliment tas-suq). Barra minn dan, l-għajnuna għall-kapital ta' riskju ġiet inkluża fil-GBER

(26) F'reġjuni żvantaġġati, l-Istati tal-EFTA jistgħu jagħtu għajnuna għall-investiment għat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, għall-estensjoni ta' stabbiliment eżistenti jew għad-diversifikazzjoni għal prodotti ġodda taħt il-Linji Gwida għall-għajnuna reġjonali nazzjonali għal 2007-2013, li ilhom applikabbli minn Jannar 2007.

(27) Il-Linji Gwida għall-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013 jintroduċu wkoll forma ġdida ta' għajnuna biex jiġu pprovduti inċentivi biex isostnu negozji li qed jiġu stabbiliti u l-istadju bikri tal-iżvilupp tal-impriżi ż-żgħar f'żoni assistiti.

(28) Skont il-Linji Gwida eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà, l-Istati tal-EFTA jistgħu wkoll jagħtu għajnuna lil kumpaniji li jirrikjedu sostenn pubbliku. Għal dan l-iskop, l-Istati tal-EFTA jistgħu jinnotifikaw skemi ta' għajnuna għas-salvataġġ u/jew ristrutturar għall-SMEs.

## 4. APPLIKABILITÀ TAL-ARTIKOLU 61(3)(B)

### 4.1. *Prinċipji ġenerali*

(29) Skont l-Artikolu 87(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE l-Awtorità tista' tiddikjara kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE għajnuna *"biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat tal-EFTA"*. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza Ewropea ddeċidiet li t-taqlib irid jolqot lill-ekonomija kollha tal-Istat Membru kkonċernat u mhux biss l-ekonomija ta' wieħed mir-reġjunijiet tiegħu jew partijiet mit-territorju tiegħu. Dan, barra minnhekk, jikkonforma mal-ħtieġa li kull dispożizzjoni ta' deroga bħall-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE tiġi strettament interpretata( ([10]).

([10]) Kawżi magħquda T-132/96 u T-143/96 *Freistaat Sachsen u Volkswagen AG* vs *il-Kummissjoni*, [1999], Ġabra p. II-3663, punt 167.

(30) Din l-interpretazzjoni stretta ġiet applikata konsistentement mill-Kummissjoni fil-prassi deċiżjonali tagħha( [11]). L-Awtorità wkoll adottat din l-interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 61(3)(b) taż-ŻEE( [12]).

(31) F'dan il-kuntest, l-Awtorità tikkunsidra li l-kriżi finanzjarja globali attwali tirrikjedi, lil hinn minn sostenn ta' emerġenza għas-sistema finanzjarja, reazzjonijiet eċċezzjonali ta' politika.

(32) L-Istati tal-EFTA kollha se jkunu affettwati minn din il-kriżi, għalkemm b'modi differenti u fi gradi differenti, u huwa probabbli li jiżdied il-qgħad, tonqos id-domanda u l-pożizzjonijiet fiskali jmorru għall-agħar.

(33) Fid-dawl tas-serjetà tal-kriżi finanzjarja attwali u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija globali tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità tqis li xi kategoriji ta' għajnuna mill-Istat huma ġġustifikati, għal perjodu limitat, biex dawn id-diffikultajiet jiġu ssanati u li dawn jistgħu jiġu ddikjarati kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tiegħu.

4.2. *Ammont limitat ta' għajnuna kompatibbli*

4.2.1. Il-qafas eżistenti

(34) L-Artikolu 2 tar-Regolament *de minimis* ([13]) kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE jistipula:

"Il-miżuri ta' għajnuna se jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 61(1)tal-Ftehim taż-ŻEE u għaldaqstant ikunu eżentati mill-ħtieġa tan-notifika fl-Artikolu 2 tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

L-għajnuna de minimis totali mogħtija li kwalunkwe impriża waħda m'għandhiex tissupera l-EUR 200 000 matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. L-għajnuna de minimis totali mogħtija li kwalunkwe impriża waħda attiva fis-settur tat-trasport bit-triq m'għandhiex tissupera l-EUR 100 000 matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. Dawn il-limiti japplikaw irrispettivament mit-tip ta' għajnuna de minimis jew l-għan ta' tali għajnuna u irrispettivament minn jekk l-għajnuna mogħtija mill-Istat tal-EFTA hijiex finanzjata totalment jew parzjalment minn riżorsi ta' oriġini Komunitarja. Dan il-perjodu għandu jiġi stabbilit b'referenza għas-snin fiskali użati mill-impriża fl-Istat tal-EFTA kkonċernat".

4.2.2. Miżura ġdida

(35) Il-kriżi finanzjarja qiegħda tolqot mhux biss kumpaniji dgħajfa strutturalment iżda wkoll kumpaniji li se jaffaċċjaw nuqqas f'daqqa jew anki indisponibbiltà ta' kreditu. Titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' dawn il-kumpaniji jkollu effetti pożittivi fuq l-ekonomija taż-ŻEE kollha.

(36) Għaldaqstant, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika attwali, huwa meqjus neċessarju li jiġi permess temporanjament l-għoti ta' ammont limitat ta' għajnuna li madankollu jaqa' barra mill-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE minħabba li jeċċedi l-limitu indikat fir-Regolament *de minimis*.

(37) L-Awtorità se tqis għajnuna mill-Istat bħal din kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE, sakemm l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti.

(a) l-għajnuna m'għandhiex teċċedi għotja ta' flus ta' EUR 500 000 għal kull impriża; il-figuri kollha użati għandhom ikunu figuri gross, jiġifieri, qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxi jew spejjeż oħra; fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra għajr għotja, l-ammont tal-għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti tal-għajnuna bħala għotja grossa;

(b) l-għajnuna tingħata fil-forma ta' skema;

(c) l-għajnuna tapplika biss għal impriżi li ma kinux f'diffikultà ([14]) fl-1 ta' Lulju 2008; tista' tingħata lil impriżi li ma kinux f'diffikultà f'dik id-data iżda li ltaqgħu mad-diffikultà wara b'riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika;

---

([11]) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/490/KE fil-Każ C 47/96 *Crédit Lyonnais* (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 28), punt 10.1; id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/345/KE fil-Każ C 28/02 *Bankgesellschaft Berlin* (ĠU L 116, 4.5.2005, p. 1), punti 153 *et seq.*; u d-deċizjoni tal-Kummissjoni 2008/263/KE fil-Każ C 50/06 *BAWAG* (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 7), punt 166; ara wkoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ NN 70/07 *Northern Rock* (ĠU C 43, 16.2.2008, p. 1) d-deċizjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2008 fil-Każ C 9/08 *SachsenLB*, li għadha ma ġietx ippubblikata.

([12]) L-Awtorità qatt ma approvat miżura ta' għajnuna fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) taż-ŻEE.

([13]) Ara n-nota tal-qiegħ 8 hawn fuq.

([14]) Għal kumpaniji kbar, impriża f'diffikultà kif imfissra fil-punt 2.1 tal-Linji Gwida dwar għajnuna mill-Istat għar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà. Għall-SMEs, ara l-Artikolu 1(7) dwar d-definizzjoni tar-Regolament tal-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

(d) l-għajnuna mhix għajnuna għall-esportazzjoni jew għajnuna li tiffavorixxi prodotti nazzjonali fuq dawk importati;

(e) l-għajnuna tista' tingħata mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;

(f) qabel ma jagħti l-għajnuna, l-Istat tal-EFTA jrid jikseb dikjarazzjoni mill-impriża kkonċernata, f'forma miktuba jew elettronika, dwar kull għajnuna *de minimis* oħra u għajnuna relatata ma' dan il-paragrafu, li rċeviet matul is-sena fiskali kurrenti u jivverifika li din mhijiex se tgħolli l-ammont totali ta' għajnuna rċevuta mill-impriża matul il-perjodu 1 ta' Jannar 2008 sa 31 ta' Diċembru 2010, għal livell li jissupera l-limitu ta' EUR 500 000;

(g) l-iskema ta' għajnuna ma tapplikax għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli; tista' tapplika għal impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ( ([15]) sakemm l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew il-kwantità ta' tali prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati, jew l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li tingħadda parzjalment jew totalment lil prodotturi primarji( ([16]).

4.3. *Għajnuna fil-forma ta' garanziji*

4.3.1. Il-qafas eżistenti

(38) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji għandhom l-għan li jipprovdu lill-Istati tal-EFTA bi gwida aktar dettaljata dwar il-prinċipji li fuqhom il-l-Awtorità għandha l-ħsieb li tibbaża l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftahim taż-ŻEE u l-applikazzjoni tagħhom għall-garanziji mill-Istat. B'mod partikolari, il-Linji Gwida jispeċifikaw taħt liema kundizzjonijiet jista' jitqies li m'hemmx għajnuna mill-Istat. Ma jipprovdu l-ebda kriterji ta' kompatibbiltà għall-valutazzjoni tal-garanziji.

4.3.2. Miżura ġdida

(39) Sabiex jiġi inkoraġġut ulterjorment l-aċċess għall-finanzjament u biex titnaqqas l-istmerrija għolja attwali għar-riskju tal-banek, garanziji tas-self sussidjati għal perjodu limitat jistgħu jkunu soluzzjoni xierqa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament.

(40) L-Awtorità se tqis għajnuna mill-Istat bħal din kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE, sakemm l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti.

(a) għall-SMEs, l-Istati tal-EFTA jagħtu tnaqqis ta' sa 25 % tal-primjum ta' kull sena li għandu jitħallas għal garanziji ġodda mogħtija skont id-dispożizzjonijiet dwar il-limitu ta' eżenzjoni hekk kif stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji ([17]);

(b) għall-kumpaniji kbar, l-Istati tal-EFTA għandhom ukoll jagħtu tnaqqis ta' sa 15 % tal-primjum ta' kull sena għal garanziji ġodda kkalkulati fuq il-bażi tal-istess dispożizzjonijiet dwar il-limitu ta' eżenzjoni;

(c) meta l-element ta' għajnuna fi skemi ta' garanzija huwa kkalkulat permezz ta' metodoloġiji diġà aċċettati mill-Awtorità wara n-notifika tagħhom taħt regolament inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat ([18]) l-Istati tal-EFTA jistgħu wkoll jagħtu tnaqqis simili ta' sa 25 % tal-primjum annwali li għandu jitħallas għal garanziji ġodda għall-SMEs u sa 15 % għal kumpaniji kbar;

---

([15]) Kif definiti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 Diċembru 2006 dwar l-applikazzjonijiet ta' Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna tal-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).

([16]) Sabiex ikunu applikabbli d-dispożizzjonjiet tal-għajnuna mill-Istat fl-Artikoli 61 sa 63 tal-Ftehim taż-ŻEE, l-għajnuna mill-Istat għandha tingħata lill-impriżi involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott tal-Ftehim taż-ŻEE. L-Artikolu 8(3) tal-Ftehim jistipula li "ħlief fejn jingħad mod ieħor, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw biss għal: (a) prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema ta' Deskrizzjoni Armonizzata u l-Kodifika tal-Oġġetti, esklużi l-prodotti fil-lista fi Protokoll 2; (b)prodotti speċifikati fil-protokoll 3, soġġetti għal arranġamenti speċifiċi msemmija f'dak il-Protokoll". Prodotti agrikoli, li ma jaqawx taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema ta' Deskrizzjoni Armonizzata u l-Kodifika tal-Oġġetti jew huma speċifikati fil-Protokoll 3, ma jaqgħux fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE.

([17]) Dan jinkludi l-possibbiltà li, għall-SMEs li m'għandhomx storja ta' kreditu jew klassifikazzjoni bbażata fuq metodu tal-karta tal-bilanċ, bħal xi kumpaniji b'għan speċjali jew kumpaniji fil-bidu, l-Istati tal-EFTA jagħtu tnaqqis ta' sa 25 % fuq il-primjum fil-limitu ta' eżenzjoni speċifiku li hu stabbilit bħala 3.8 % f'dawn l-Linji Gwida.

([18]) Bħar-Regolament dwar l-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jew ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 87 u 88 tat-Tratta għall-għajnuna nazzjonali għall-investiment reġjunali (ĠU L 302, 1.11.2006, p. 29) inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE fil-punt 1i tal-Anness XV tal-Ftehim bid-deċiżjoni Nru 157/2006 (ĠU L 89, 29.3.2007, p. 33 u s-Suppliment Nru 15, 29.3.2007, p. 26), sakemm il-metodoloġija approvata espliċitament tindirizza t-tip ta' garanziji u t-tip ta' operazzjonijiet sottostanti kkonċernati.

(d) is-self massimu ma jistax jissupera l-ammont totali annwali dovut f'pagi mill-benefiċjarju (inklużi l-piżijiet soċjali kif ukoll l-ispiża tal-persunal li jaħdem fuq is-sit tal-kumpanija iżda li l-paga tiegħu formalment titħallas minn subappaltaturi) għall-2008. Fil-każ ta' kumpaniji li nħolqu wara l-1 ta' Jannar 2008, is-self massimu ma jistax jissupera l-ammont annwali stmat li se jkun dovut f'pagi għall-ewwel sentejn tal-operat tagħha;

(e) il-garanziji għandhom jingħataw mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;

(f) il-garanzija ma teċċedix id-90 % tas-self għall-perjodu tas-self;

(g) il-garanzija tista' tirrigwarda kemm self għall-investiment u self għall-kapital ċirkolanti;

(h) it-tnaqqis tal-primjum tal-garanzija hu applikat matul perjodu massimu ta' sentejn wara l-għoti tal-garanzija;

(i) l-għajnuna tapplika biss għal impriżi li ma kinux f'diffikultà ([19]) fl-1 ta' Lulju 2008; tista' tingħata lil impriżi li ma kinux f'diffikultà f'dik id-data iżda li ltaqgħu mad-diffikultà wara b'riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika;

4.4. *Għajnuna fil-forma ta' rata tal-imgħax sussidjata*

4.4.1. Il-qafas eżistenti

(41) Il-Linji Gwida dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont tistabbilixxi metodu għall-kalkolu tar-rata ta' referenza bbażat fuq ir-rata ta' sena waħda offruta bejn il-banek (inter-bank offered rate – IBOR) miżjuda b'marġni li jmorru minn 60 sa 1 000 punti bażi, skont l-affidabbiltà finanzjarja tal-kumpanija u l-livell tal-garanzija li toffri. Jekk l-Istati tal-EFTA japplikaw dan il-metodu, ir-rata tal-imgħax ma tkunx tinkludi għajnuna mill-Istat.

4.4.2. Miżura ġdida

(42) Fiċ-ċirkostanzi attwali tas-suq, il-kumpaniji jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex isibu finanzjament. Għaldaqstant l-Awtorità taċċetta li self pubbliku jew privat mogħti b'rata tal-imgħax li tkun minn tal-anqas ekwivalenti għar-rata mil-lum għal-għada tal-bank ċentrali miżjuda bi primjum ekwivalenti għad-differenza bejn ir-rata medja ta' fost il-banek għal sena waħda u r-rata overnight medja tal-bank ċentrali matul il-perjodu 1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008, flimkien mal-primjum għar-riskju tal-kreditu li jikkorrispondi għall-profil ta' riskju tal-benefiċjarju, kif stipulat mill-Linji Gwida tal-Awtorità dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont.

(43) L-element ta' għajnuna li jinstab fid-differenza bejn din ir-rata tal-imgħax u r-rata ta' referenza definita mill-Linji Gwida dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont tkun ikkunsidrata, fuq bażi temporanja, kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tiegħu, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) dan il-metodu għandu japplika għall-kuntratti kollha konklużi sal-31 ta' Diċembru 2010. Jista' jkopri self għal kwalunkwe tul ta' żmien. Ir-rati mnaqqsa tal-imgħax jistgħu jiġu applikati għal pagamenti tal-imgħax qabel il-31 ta' Diċembru 2012 ([20]); wara dik id-data għandha tapplika għas-self rata tal-imgħax minn tal-anqas ugwali għar-rata definita fil-Linji Gwida dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont;

(b) l-għajnuna tapplika biss għal impriżi li ma kinux f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008 ([21]); tista' tingħata lil impriżi li ma kinux f'diffikultà f'dik id-data iżda li ltaqgħu mad-diffikultà wara b'riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika;

4.5. *Għajnuna għall-produzzjoni ta' prodotti ekoloġiċi*

4.5.1. Il-qafas eżistenti

(44) Il-Linji Gwida dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont tistabbilixxi metodu għall-kalkolu tar-rata ta' referenza bbażat fuq ir-rata ta' sena waħda offruta bejn il-banek (inter-bank offered rate – IBOR) miżjuda b'marġni li jmorru minn 60 sa 1 000 punti bażi, skont l-affidabbiltà finanzjarja tal-kumpanija u l-livell tal-garanzija li toffri. Jekk l-Istati tal-EFTA japplikaw dan il-metodu, ir-rata tal-imgħax ma tkunx tinkludi għajnuna mill-Istat.

([19]) See footnote 14 above.Ara n-nota tal-qiegħ 14 hawn fuq.
([20]) L-Istati tal-EFTA li jkunu jixtiequ jużaw din il-faċilità għandhom jippubblikaw onlajn ir-rati *overnight* tagħhom hu jpoġġuhom għad-dispożizzjoni tal-Awtorità.
([21]) Ara n-nota tal-qiegħ 14 hawn fuq.

4.5.2. Miżura ġdida

(45) Minħabba l-kriżi finanzjarja attwali, il-kumpaniji qed jiltaqgħu wkoll ma' aktar diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament għall-produzzjoni ta' prodotti aktar ekoloġiċi. L-għajnuna fil-forma ta' garanziji tista' ma tkunx biżżejjed biex tiffinanzja proġetti li jiswew ħafna u li għandhom l-għan li jżidu l-ħarsien ambjentali billi jadattaw aktar kmieni għal normi futuri li għadhom ma daħlux fis-seħħ jew billi jmorru lil hinn minn tali standards.

(46) L-Awtorità tqis l-għanijiet ambjentali għandhom jibqgħu prijorità minkejja l-kriżi finanzjarja. Il-produzzjoni ta' prodotti aktar ekoloġiċi, inklużi prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija, hija fl-interess komuni taż-ŻEE u huwa importanti li l-kriżi finanzjarja ma tkunx ta' ostakolu għal dan il-għan.

(47) Għaldaqstant, miżuri addizzjonali fil-forma ta' self sussidjat jistgħu jinkoraġġixxu l-produzzjoni ta' "prodotti ekoloġiċi". Madankollu, is-self sussidjat jkun il-kawża ta' distorsjonijiet serji fil-kompetizzjoni u għalhekk għandu jkun strettament limitat għal sitwazzjonijiet speċifiċi u investiment immirat.

(48) L-Awtorità tqis li, għal perjodu limitat ta' żmien, l-Istati tal-EFTA għandhom jingħataw il-possibbiltà li jagħtu għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fir-rata tal-imgħax.

(49) L-Awtorità se tqis kull sussidju fuq ir-rata tal-imgħax għal self għall-investiment bħala kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-għajnuna trid tirrigwarda self għall-investiment għall-finanzjament ta' proġetti li jikkonsistu fil-produzzjoni ta' prodotti ġodda li jtejbu b'mod sinjifikanti l-ħarsien ambjentali;

(b) l-għajnuna trid tkun neċessarja għat-tnedija ta' proġett ġdid; fil-każ ta' proġetti eżistenti, l-għajnuna tista' tingħata jekk issir neċessarja, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika l-ġdida, biex jitkompla l-proġett;

(c) l-għajnuna tingħata biss għal proġetti li jikkonsistu fil-produzzjoni ta' prodotti li jinvolvu adattament bikri għal, jew li jmorru lil hinn minn, standards Komunitarji futuri għall-prodotti [22] li jgħollu l-livell tal-ħarsien ambjentali u li għadhom mhumiex fis-seħħ;

(d) għal prodotti li jinvolvu adattament bikri għal, jew li jmorru lil hinn minn, standards ambjentali futuri tal-Komunità, l-investiment għandu jibda mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 bl-għan li l-prodott jitpoġġa fis-suq minn tal-anqas sentejn qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandard;

(e) is-self jista' jkopri l-ispejjeż tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli [23] bl-eċċezzjoni ta' self għal investimenti li jirrappreżentaw kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' aktar minn 3 % fis-swieq tal-prodotti [24] fejn ir-rata tat-tkabbir annwali medja, matul l-aħħar ħames snin qabel il-bidu tal-investiment, tal-konsum apparenti fis-suq ŻEE, mkejla f'dejta dwar il-valur, baqgħet anqas mir-rata tat-tkabbir annwali medja tal-PGD taż-Żona Ekonomika Ewropea matul l-istess perjodu ta' referenza ta' ħames snin;

(f) il-garanziji għandhom jingħataw mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;

(g) għall-kalkolu tal-għajnuna, il-punt tat-tluq għandha tkun ir-rata individwali tal-benefiċjarju kkalkulata fuq il-bażi tal-metodoloġija li tinsab fil-punt 4.4.2 ta' dawn il-Linji Gwida. Fuq il-bażi ta' din il-metodoloġija, il-kumpanija tista' tgawdi minn tnaqqis tar-rata tal-imgħax ta':

— 25 % għall-kumpanniji l-kbar;

— 50 % għġall-SMEs.

(h) Ir-rata sussidjata tal-imgħax tapplika matul perjodu massimu ta' sentejn wara l-għoti tas-self;

[22] Standard Komunitarju futur għall-prodotti huwa standard Komunitarju mandatorju li jistabbilixxi l-livelli ambjentali li għandhom jintlaħqu għal prodotti mibjugħin fil-Komunità Ewropea, li ġie adottat iżda li għadu mhuwiex fis-seħħ.
[23] Kif definit fil-punt 70 tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent.
[24] Definit skont punt 58 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna Reġjonali.

(i) It-tnaqqis fir-rata tal-interessi tista' tiġi applikata għal self mogħti mill-Istat jew minn istituzzjonjiet finanzjarji pubbliċi u lil self konċess minn istituzzjonjiet finanzjarji privati. Għandha tiġi garantita n-non-diskriminazzjoni bejn entititajiet pubbliċi u privati;

(j) l-għajnuna tingħata biss lil impriżi li ma kinux f'diffikultà ([25]) fl-1 ta' Lulju 2008; tista' tingħata lil impriżi li ma kinux f'diffikultà f'dik id-data iżda li ltaqgħu mad-diffikultà wara b'riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika;

(k) l-Istati tal-EFTA jiżguraw li l-għajnuna ma tiġix trasferita direttament jew indirettament lil entitajiet finanzjarji.

4.6. *Miżuri ta' kapital ta' riskju*

4.6.1. Il-qafas eżistenti

(50) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju f'impriżi ta' daqs żgħir u medju jistabbilixxu l-kundizzjonijiet sabiex għajnuna mill-Istat li ssostni investiment ta' kapital ta' riskju tkun tista' titqies kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikolu 61(3) tal-Ftehim taż-ŻEE.

(51) Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex jiġi inkoraġġut il-kapital ta' riskju, l-Awtorità tqis li m'hemm l-ebda falliment tas-suq tal-kapital ta' riskju ġenerali fiż-ŻEE. Madankollu hija taċċetta li hemm nuqqasijiet fis-suq għal xi tipi ta' investiment f'ċerti stadji tal-iżvilupp tal-impriżi li jirriżultaw minn nuqqas ta' tqabbil tal-provvista u d-domanda għal kapital ta' riskju u li jistgħu jiġu deskritti b'mod ġenerali bħala nuqqas ta' ekwità.

(52) Il-punt 4.3 tal-linji gwida jipprovdi li għal porzjonijiet ta' finanzjament li ma jissuperawx il-EUR 1,5 miljun għal kull SME fil-mira matul kull perjodu ta' tnax-il xahar, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-falliment tas-suq huwa preżunt u ma jeħtieġx li jintwera mill-Istati tal-EFTA.

(53) Il-punt 5.1(a) tal-istess Linji gwida jipprovdi li "l-Awtorità hija konxja dwar it-tibdil kontinwu fis-suq tal-kapital ta' riskju u n-nuqqas ta' ekwità tul iż-żmien, kif ukoll dwar il-grad differenti tal-effett fuq l-impriżi mill-falliment tas-suq, li jiddependi fuq id-daqs tagħhom, l-istadju tal-iżvilupp tan-negozju tagħhom u s-settur ekonomiku tagħhom. Għaldaqstant l-Awtorità hija lesta li tikkunsidra li tiddikjara miżuri ta' kapital ta' riskju li jipprovdu għal porzjonijiet ta' investiment li jissuperaw il-limitu ta' EUR 1,5 miljun għal kull impriża kull sena kompatibbli mas-suq komuni sakemm tiġi ppreżentata l-evidenza meħtieġa tal-falliment tas-suq".

4.6.2. Adattament temporanju tar-regoli eżistenti

(54) It-taqlib fis-suq finanzjarju kellu effett negattiv fuq is-suq tal-kapital ta' riskju għal SMEs li għandhom fil-bidu tat-tkabbir tagħhom billi llimita d-disponibbiltà tal-kapital ta' riskju. Minħabba l-perċezzjoni attwali assoċjata mal-kapital ta' riskju li r-riskju kiber ħafna u li hi marbuta ma' inċertezzi li jirriżultaw mill-possibbiltà ta' aspettattivi ta' inqas dħul, l-investituri attwalment għandhom it-tendenza li jinvestu f'tipi ta' assi aktar sikuri b'riskji li jistgħu jiġu vvalutati aktar faċilment meta pparagunati ma' dawk assoċjati ma' investimenti f'kapital ta'riskju. Barra minn dan, in-natura mhux likwida ta' investimenti f'kapital ta' riskju bħalissa żvelat ruħha bħala diżinċentiv ieħor għall-investituri. Hemm evidenza li l-likwidità ristretta li tirriżulta taħt iċ-ċirkostanzi attwali tas-suq żiedet in-nuqqas ta' ekwità għall-SMEs. Huwa għalhekk meqjus xieraq li l-limitu ta' eżenzjoni għal investimenti f'kapital ta' riskju jiżdied temporanjament biex dan in-nuqqas miżjud ta' ekwità attwali jimtela' u li titnaqqas temporanjament il-perċentwali ta' parteċipazzjoni minima ta' investituri privati għal 30 % ukoll fil-każ ta' miżuri intiżi għal SMEs f'żoni mhux assistiti.

(55) Għaldaqstant, fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE, ċerti limiti stabbiliti mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju f'impriżi ta' daqs żgħir u medju huma temporanjament adattati sal-31 ta' Diċembru 2010 kif ġej:

(a) għall-finijiet ta' punt 4.3.1 il-porzjonijiet massimi tal-finanzjament huma miżjuda sa EUR 2,5 miljun minn EUR 1,5 milun għal kull SME fil-mira matul kull perjodu ta' tnax-il xahar;

(b) għall-finijiet ta' punt 4.3.4 il-finanzjament tal-investimenti minimu li jkun ipprovdut minn investituri privati hu 30 % kemm ġewwa u barra ż-żoni assistiti;

(c) kundizzjonijiet oħra li jinsabu fil-Linji gwida jibqgħu applikabbli;

([25]) Ara n-nota tal-qiegħ 14 hawn fuq.

(d) dan l-adattament temporanju tar-regoli eżistenti ma japplikax għal miżuri dwar kapital ta' riskju koperti mill-GBER;

(e) l-Istati tal-EFTA jistgħu jadattaw skemi approvati biex jirriflettu l-adattament temporanju tal-linji gwida.

4.7. *Kumulu*

(56) Il-limiti tal-għajnuna stabbiliti skont din il-Linji Gwida għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk l-appoġġ għall-proġett megħjun huwiex iffinanzjat għal kollox minn riżorsi tal-Istat jew parzjalment iffinanzjat mill-Komunità.

(57) Il-miżuri ta' għajnuna temporanji previsti f'din il-Linji Gwida ma jistgħux jiġu kumulati ma' għajnuna li taqa' fil-kamp tar-Regolament *de minimis* għall-istess spejjeż eliġibbli. Jekk l-impriża tkun irċeviet diġà għajnuna *de minimis* qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-qafas temporanju, l-ammont totali ta' għajnuna rċevuta taħt il-miżuri koperti mill-punti 4.2 ta' dawn il-Linji gwida u l-għajnuna *de minimis* irċevuta ma jistax jissupera l-EUR 500 000 bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010. L-ammont ta' għajnuna *de minimis* irċevuta mill-1 ta' Jannar 2008 għandu jitnaqqas mill-ammont ta' għajnuna kompatibbli mogħti għall-istess skop taħt il-punti 4.3, 4.4, 4.5 jew 4.6.

(58) Il-miżuri ta' għajnuna temporanja jistgħu jiġu kumulati ma' għajnuna kompatibbli oħra jew ma' tipi oħra ta' finanzjament Komunitarju sakemm l-intensitajiet massimi ta' għajnuna indikati fil-Linji Gwida jew fir-Regolamenti ta' Eżenzjoni ta' Kategorija relevanti jkunu rispettati.

5. MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI

5.1. *Assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir*

(59) Il-Linji Gwida dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir tipprovdi li r-riskji kummerċjabbli ma jistgħux ikunu koperti mill-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni bl-appoġġ tal-Istati tal-EFTA. Ir-riskji kummerċjabbli huma riskji kummerċjali u politiċi ta' debituri pubbliċi u mhux pubbliċi stabbiliti fil-pajjiżi elenkati fl-Anness tal-Linji Gwida, b'perjodu massimu ta' riskju ta' anqas minn sentejn. Ir-riskji li jirrigwardaw debituri stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u l-Istati tal-EFTA u f'sitt membri oħra tal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika u huma kkunsidrati kummerċjabbli.

(60) L-Awtorità tqis li, b'konsegwenza tal-kriżi finanzjarja attwali, m'hemmx nuqqas ta' kapaċità ta' assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni f'kull Stat tal-EFTA, iżda ma jistax jiġi eskluż li f'xi pajjiżi jista' jkun li l-kopertura għal riskji kummerċjabbli tkun temporanjament indisponibbli.

(61) Il-punt 4, paragrafi 9 sa 13 tal-imsemmija Linji Gwida jipprovdi li:

"F'ċirkustanzi bħal dawn, dawk ir-riskji temporanjament mhux kummerċjabbli jistgħu jittieħdu fuq il-kont ta' assigurant ta' esportazzjonijiet bi kreditu pubbliku jew appoġġat pubblikament għal riskji mhux kummerċjabbli assigurati għall-kont ta' jew bil-garanzija tal-Istat. L-assigurant għandu, sa fejn hu possibbli, jallinea r-rati tal-premjum tiegħu għal dawn ir-riskji mar-rati imposti imkien ieħor minn assiguranti ta' esportazzjonijiet bi kreditu privati għat-tip ta' riskju in kwistjoni.

Kull Stat tal-EFTA li għandu l-ħsieb li juża dik il-klawżola ta' ħruġ għandu jinnotifika immedjatament lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bid-deċiżjoni abbozzata tiegħu. Dik in-notifika għandu jkun jinsab fiha rapport dwar is-suq li juri n-nuqqas ta' disponibilità ta' kopertura għar-riskji fis-suq privat tal-assigurazzjoni billi jipproduċi evidenza tiegħu minn żewġ assiguranti ta' esportazzjonijiet bi kreditu privati internazzjonali, kbar u magħrufin sew kif ukoll assigurant ta' kreditu nazzzjonali, b'hekk jiġġustifika l-użu tal-klawżola ta' ħruġ. Barra dan, għandha tkun tinsab fiha deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet li l-assigurant ta' esportazzjonijiet bi kreditu pubbliku jew appoġġat pubblikament għandu l-ħsieb li japplika fir-rigward ta' dawn ir-riskji.

Fi żmien xahrejn mill-irċevuta ta' din in-notifika, l-Awtorità għandha teżamina jekk l-użu tal-klawżola ta' ħruġ huwiex skont il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq u kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE.

Jekk l-Awtorità ssib li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-klawżola ta' ħruġ huma milħuqin, id-deċiżjoni tagħha dwar il-kompatibiltà hi limitata għal sentejn mid-data tad-deċiżjoni, previst li l-kundizzjonijiet tas-suq li jiġġustifikaw l-użu tal-klawżola ta' ħruġ ma jinbidlux matul dak il-perjodu.

Barra minn dan, l-Awtorità tista', b'konsultazzjoni mal-Istati tal-EFTA l-oħra, tirrevedi l-kundizzjonijiet għall-użu tal-klawżola ta' ħruġ; tista' tiddeċiedi wkoll li ma tkomplihiex jew tbiddilha b'sistema xierqa oħra".

(62) Dawn id-dispożizzjonijiet, li huma applikabbli għal kumpaniji kbar u għal SMEs, huma strument xieraq fis-sitwazzjoni ekonomika attwali jekk l-Istati tal-EFTA jikkunsidraw li mhijiex disponibbli kopertura fis-suq tal-assigurazzjoni privata għal xi riskji kummerċjabbli ta' kreditu u/jew għal xi xerrejja ta' protezzjoni tar-riskju.

(63) F'dan il-kuntest, sabiex tħaffef il-proċedura għall-Istati tal-EFTA, l-Awtorità tqis li, sal-31 ta' Diċembru 2010, l-Istati tal-EFTA jistgħu juru n-nuqqas tas-suq billi jipprovdu evidenza suffiċjenti dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' kopertura għar-riskju fis-suq tal-assigurazzjoni privata. L-użu tal-klawżola ta' ħruġ għandu f'kull każ jiġi kkunsidrat bħala ġustifikat jekk:

— assiguratur wieħed ta' esportazzjonijiet bi kreditu privat internazzjonali, li jkun kbir u magħruf sewwa, iressaq provi dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' tali kopertura, jew

— tal-anqas erba' esportaturi stabbiliti sewwa fl-Istat tal-EFTA jressqu provi ta' rifjut ta' kopertura minn assiguraturi għal operazzjonijiet speċifiċi.

(64) L-Awtorità, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati tal-EFTA kkonċernati, se tiżgura li d-deċiżjonijiet rigward il-"klawżola ta' ħruġ" jiġu adottati malajr.

5.2. *Simplifikazzjoni tal-proċeduri*

(65) Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat imsemmija f'din il-Komunikazzjoni għandhom jiġu notifikati lill-Awtorità. Apparti mill-miżuri sostantivi stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida, l-Awtorità qed tintrabat li tiżgura l-awtorizzazzjoni mħeffa ta' miżuri ta' għajnuna li jindirizzaw il-kriżi attwali skont dawn il-Linji Gwida sakemm l-Istati tal-EFTA kkonċernati jipprovdu kooperazzjoni mill-qrib u informazzjoni sħiħa.

(66) Dan l-impenn se jikkomplementa l-proċess li għaddej li bih il-Kummissjoni qiegħda attwalment telabora numru ta' miżuri li jtejbu l-proċeduri ġenerali tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari sabiex tippermetti prassi deċiżjonali aktar rapida u aktar effettiva f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Dan il-pakkett ta' simplifikazzjoni ġenerali għandu, b'mod partikolari, jinkludi impenji konġunti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għal proċeduri aktar simplifikati u prevedibbli f'kull pass ta' investigazzjoni dwar għajnuna mill-Istat u jippermetti l-approvazzjoni aktar mgħaġġla ta' każijiet sempliċi.

6. MONITORAĠĠ U RAPPURTAR

(67) Id-Deċiżjoni Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27 ta' Part II tal-Protocol 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti li tipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jeħtieġu li l-Istati tal-EFTA jippreżentaw rapporti annwali lill-Awtorità.

(68) Sal-31 ta' Lulju 2009, l-Istati tal-EFTA għandhom jipprovdu lill-Awtorità b'lista ta' skemi stabbilit fuq il-bażi ta' dawn il-Linji Gwida.

(69) L-Istati tal-EFTA għandhom jiżguraw li jinżammu rekords dettaljati dwar l-għoti ta' għajnuna prevista minn dawn il-Linji Gwida. Dawn ir-rekords, li għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk ġewx mħarsa l-kundizzjonijiet meħtieġa, għandhom jinżammu għal għaxar snin u għandhom jiġu pprovduti lill-Awtorità meta din titlobhom. B'mod partikolari, l-Istati tal-EFTA jridu jkunu kisbu informazzjoni li turi li l-benefiċjarji tal-għajnuna għal miżuri taħt l-4.2, 4.3, 4.4. u 4.5 ma kinux kumpaniji f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008.

(70) Flimkien ma' dawn il-ħtiġijiet, l-Istati tal-EFTA għandhom jipprovdu rapport dwar il-miżuri stabbiliti fuq il-bażi ta' din il-Linji Gwida sal-31 ta' Ottubru 2009. B'mod partikolari, qabel il-31 ta' Ottubru 2009, l-Istati tal-EFTA għandhom jipprovdu elementi li jindikaw il-ħtieġa għall-Awtorità li żżomm il-miżuri koperti minn din il-Linji Gwida sa wara l-31 ta' Diċembru 2009, kif ukoll informazzjoni dettaljata dwar il-benefiċċji ambjentali tas-self sussidjat. L-Istati tal-EFTA għandhom jipprovdu wkoll din l-informazzjoni għal kull sena sussegwenti li matulha jkun validu l-qafas attwali, qabel il-31 Ottubru ta' kull sena.

(71) L-Awtorità tista' titlob tagħrif addizzjonali rigward l-għajnuna mogħtija, biex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Awtorità li tapprova l-miżura ta' għajnuna ġewx irrispettati.

7. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(72) L-Awtorità se tapplika dawn il-Linji Gwida mid-data tal-adozzjoni tagħhom. Dawn il-Linji Gwida huma ġustifikati mill-problemi eċċezzjonali u tranżitorji attwali ta' finanzjament konnessi mal-kriżi bankarja u mhumiex se jiġu applikati wara l-31 ta' Diċembru 2010. Wara li tikkonsulta mal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità tista' tirrevedihom qabel dik id-data fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi jew konsiderazzjonijiet ta' politika tal-kompetizzjoni importanti. Fejn ikun ta' għajnuna, l-Awtorità tista' tipprovdi wkoll kjarifiki ulterjuri tal-metodu tagħha rigward kwistjonijiet partikolari.

(73) L-Awtorità se tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dawn il-Linji Gwida fil-konfront tal-miżuri kollha rigward kapital ta' riskju li ġew notifikati u li trid tieħu deċiżjoni fuqhom wara li dawn il-Linji Gwida jiġu adottati, anki jekk il-miżuri ġew notifikati qabel dik id-data.

(74) Skont il-Linji Gwida dwar l-identifikazzjoni tar-regoli applikabbli għall-evalwazzjoni ta' għajnuna mill-Istat li mhix skont il-liġi, l-Awtorità se tapplika dan li ġej fil-każ ta' għajnuna mhix notifikata:

(a) dawn il-Linji Gwida, jekk l-għajnuna ngħatat wara l-adozzjoni ta' dawn il-Linji Gwida;

(b) il-Linji Gwida applikabbli meta l-għajnuna tkun ingħatat fil-każijiet l-oħra kollha.

(75) L-Awtorità, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati tal-EFTA kkonċernati, se tiżgura li d-deċiżjonijiet jiġu adottati malajr malli jkun hemm in-notifika kompleta tal-miżuri koperti minn din il-Komunikazzjoni. L-Istati tal-EFTA għandhom jinformaw lill-Awtorità bl-intenzjonijiet tagħhom u għandhom jinnotifikaw il-pjanijiet tagħhom li jintroduċu miżuri bħal dawn l-aktar kmieni u bil-mod l-aktar komprensiv possibli.

(76) L-Awtorità tixtieq tfakkar li kwalunkwe titjib proċedurali jiddependi għal kollox fuq il-preżentazzjoni ta' notifiki ċari u kompleti.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT